# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa

2007

*Każin Banda San Filep*



Çenaklu

Kruçifissjoni

Difna

Qawmien

‘Via Crucis’

Vari Ûg ˙ar





# It is time to think about your future



**Lm25**
**a month...**
**is all it takes to start your own savings plan.**



## CRYSTAL SAVINGS PLAN

### a flexible way to save

Let us help you take the first steps towards the future you deserve. Crystal Savings Plan could be the solution you are looking for. The capital from your investment could be used to supplement your retirement income, assisting you in preserving your lifestyle when you retire. The earlier you start, the less money you will have to put aside to reach your goal.

**Starting a Savings Plan could be the wisest investment decision you will ever make.**

UBS Global Asset Management

FREEPHONE: 800 73339

CRYSTAL
Finance Investments
Representative for UBS Investment Funds in Malta

6, Freedom Square, Valletta tel: 2122 0190
email: info@crystal.com.mt
web: www.crystal.com.mt
Msida | B'Kara | Zebbug | Paola | Victoria, Gozo

This advert is published by Crystal Finance Investments Ltd. Crystal Finance Investment Ltd. representative for UBS Investment Funds in Malta, is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Service Authority. UBS Investment Funds are regulated by CSSF Luxembourg and marketed in Malta in terms of the EU UCITS directive. Past performance is no guarantee for future trends and the value of investments may go down as well as up. Currency fluctuations may have an effect on the value of your investments. Investment is by Maltese residents in funds denominated in foreign currency are subject to External Transactions Act (Cap. 233). • Brochure including Frequently Asked Questions, Prospectus, Terms & Conditions and Application Form are available at Crystal Finance Investments Ltd.


Bulk Transport of Cryogenic Products
Storage Systems
PoliGas
Limited
Hal Farrug Road, Luqa LQA 05, Malta
Tel: +356 2558 5500, 2558 5501, 2558 5502
Fax: +356 2558 5599
Email: poligas@polidano-group.com
Automated Filling System
Cylinders Stock
member of Polidano Group
Gas Equipment
Welding Equipment
List of Cryogenic Products
• Oxygen
• Nitrogen
• Industrial Carbon Dioxide
• Food Grade Carbon Dioxide
• Argon
• Argon Mixtures
• Nitrous Oxide
• Acetylene
List of Equipment
• Mig Welding Sets
• Tig Welding Sets
• Electric Arc Welding Sets
• Welding Rods
• Drive Rolls & Drive Roll Kits
• Welding Consumables
• Accessories for Steel & Stainless Steel
• Propane & Acetylene Gas Equipment



White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local Importers and exporters
Your own agent in Malta
...and Beyond
Petrochemical industry providing
storage from pipe inspections to offshore
services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight
door, Container de/stuffing, Customs-
Cargo Handling Plant & Machinery and
offered both to its local and international
clients.
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com

EDITORJAL

# Il-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep Saru Sitta

Tkun ħsibt illi lħaqt quċċata u ftit wara tintebaħ li għad baqa' aktar x'jista' jsir. Hekk donnu li qed jiġrilna fil-kumitat li jorganizza dawn il-wirjiet. U dan iżomm ħaj l-entużjażmu u jkompli jiġbed in-nies bil-kotra li jerġgħu jiġu jżuru dawn il-wirjiet minkejja li jkunu rawhom kemm-il darba.

Din is-sena se nżidu biċċtejn xogħol ġodda li se jkomplu jsebbħu l-wirja fix-xelter: (1) taqsima awdjo-viżiva li turi lil Kristu rxoxt u (2) sett ta' basso-reljevi b'xeni oriġinali mill-Via Crucis. Dawn it-tnejn se jkomplu jsebbħu l-wirja li tinsab fix-xelter.

Iċ-Ċenaklu u l-vari ż-żgħar se jintramaw fis-sala l-kbira ta' fuq u b'hekk inbidlet ir-rotta biex tippermetti illi wieħed jara l-wirjiet fis-sekwenza tal-ġrajjiet li jirrappreżentaw. Ma jfissirx li dan it-titjib se jkun ta' l-aħħar: diġà hemm ħsieb li għas-sena d-dieħla nkomplu niżviluppaw t-taqsima l-ġdida.

Insellmu lis-Sinjura Doren Attard Montalto li matul il-kwart ta' seklu li ħadmet fi ħdan is-soċjeta Każin Banda San Filep, għenet mhux ftit biex dawn il-wirjiet inħolqu, kibru u rnexxew. Bħala sinjal ta' rikonoxximent mistħoqq Is-Sinjura Attard Montalto se tkun il-mistiedna speċjali li tiftaħ il-wirjiet ta' din is-sena. It-tberik se jsir minn Monsinjur Salvinu Micallef illi wara snin ta' ħidma fit-tmexxija ta' diversi parroċċi, għadu kemm inħatar Monsinjur. Nifirħulu u nixtiqulu għomor twil u aktar ħidma.

Inroddu ħajr lil bosta voluntieri li għenu u qed ikomplu jgħinu biex intellgħu dawn il-wirjiet u lill-kittieba u dawk li jagħtuna r-reklami biex ikun possibbli noħorġu dan il-ktejjeb annwali.

***Il-Każin Banda San Filep AD 1851 jixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.***

**Bord Editorjali:** Philip Balzan (Editur), Philip Agius, Graziella Attard, Josef Cachia, Brian Mifsud.

**Stampa tal-Faċċata:** Dettall mill-wirja tad-Difna ta' Kristu, li tinsab fix-xelter taħt l-art tal-każin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ.







*Ftuħ tal-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' l-2006 fil-Każin Banda San Filep mis-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ, is-Sur Brian Bonnici. It-tberik sar mill-Kanċillier tal-Kurja, Mons. Carmelo Zammit.*





***Mix-xellug għal-lemin: L-aħwa Eric, Godfrey u Elizabeth Farrugia flimkien mal-vara antika tad-Duluri li huma rregalaw lill-każin waqt il-ftuħ tal-wirjiet tal-2006.***



living beauty

**The Hair & Beauty Salon**

Beauty Clinic

*Indian Head Massage*

*by Sarah*

**Mob: 9982 8073**

Hair Salon

*Hair Extensions*

*by Claire*

**Mob: 7905 0130**

**Tel: 2146 7616**

Living Beauty

Gandlora Street, Żebbuġ.

# Il-Ġimgħa l-Kbira

Kitba ta' Victor Scerri



Għax tkellem dwar l-imħabba,
Il-ħniena, it-tiġrib,
Għax ħabb lill-fqar u l-morda,
Irregalawh b'salib.
Għax fejjaq lill-imtaqqla,
Għax qajjem lill-mejtin,
Għax wennes lill-imnikkta,
Għax kiel mal-midinbin,
Għax għader lil min waqa'
U għenu jerġa' jqum,
Sawwtuh, ismu żebilħu,
W neħħewh mat-tielet jum.
Imma Ġesù ssaporta,
Kien jaf u minnufih,
X'kien hemm f'riedet Missieru,
Kien jaf x'hemm lest għalih.

Illum dil-Ġimgħa kiebja,
Tittenna fl-imġarrbin,
Tidwi fil-leħen dgħajjef
Ta' popli maħrubin.
Tirbombja fl-ikbar dwejjaq,
Ta' mewt mingħajr stennija,
Titkellem b'fomm imbikkem,
B'leħen il-mard u d-dmija.

Ġesù jerġa' jġorr l-għuda,
Maħsula b'mewġ daqshiex,
Li qatel nies u farrak
Bla ħadd ma jaf l-għaliex.
Ġesù jerġa' jissammar,
Mal-ħoss tal-ixpakkar,
F'karozza illi nstaqet
Biex tisfa' balla nar.
Ġesù jerġa' jissallab,
Mar-rimja tal-moqdief,
Li ħarrab ġnus imkexkxa,
Biċ-ċkejkna għadhom ħrief.
Din hija l-Ġimgħa Mqaddsa,
Li jħarsu l-imġarrbin,
Li jseddqu l-veri Nsara,
Li jġorru l-midinbin.
U sena wara l-oħra,
Wara s-salib għajjien,
Hemm Kristu b'ħars'għajjiena,
Jistaqsi "Taf min jien?"





Jekk inhu hekk, inti tista' tibbenefika minn rati kompetittivi fuq il-polza *RoadWise*.
Għal aktar informazzjoni nistednuk iżżur lil fergħa tagħna ġewwa Ħaż Żebbuġ

Vjal il-Helsien, Ħaż-Żebbuġ

Citadel Insurance

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082
Tel: 2557 9000 • Fax: 2557 9550 • Freephone: 8007 2322 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: Gżira 2133 2151 • Ħaż-Żebbuġ 2146 3559 • Naxxar 2141 9198 • Paola 2180 6247

Citadel Insurance p.l.c. hija awtorizzata biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u hija regolata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.




**Musical originali mtella'**
**mill-Każin Banda San Filep u**
**l-Kumpanija Bronk Productions**
**2, 3 u 4 ta' Novembru 2007 - Fl-Istitut Kattoliku, Furjana**

# Ir-Rebbieħ

***Musical originali bil-Malti dwar ir-Rebbieħ t'Aġira***



## Il-ħajja ta' San Filep u r-rabta tiegħu ma' Ħaż-Żebbuġ

**Mark Tonna**
**fil-parti ewlenija ta' San Filep**

**Awtur - Brian Bonniċi**

**Kompożitur - Chan Vella**

**Arranġament Mużikali**
**Mro. Joe Brown**

**Koreografija - Keith Grima**
**(Keith & Adonelle Dancers)**

**Produzzjoni - Benny Casha**

**Direzzjoni - John Suda**




die ECKE
GIFTS - STATIONERY - TOYS
BOOKS - MAGAZINES - CARDS - SOFT TOYS - GAMES - NEWSPAPERS
SEASONAL GOODS - PHOTOCOPY - BINDING - PASSPORT PHOTOS
FILM DEVELOPMENT - LAMINATION & much more
New Shop
Now Open
DIGIT
all about electronics
Where you can find fantastic offers on
HI FI - DVD PLAYERS - TELEVISIONS - COMPUTERS - MOBILE PHONES
TELEPHONES - DIGITAL CAMERAS - VIDEO CAMERAS - PLAYSTATION
DIGITAL SURROUND - Mp3 PLAYERS - ALARM CLOCKS - INK CARTRIDGES
COMPUTERS & MOBILE PHONES ACCESSORIES - REPAIRS
MONS. MIKIEL AZZOPARDI STR., SIGGIEWI. Tel: 2146 3403

# Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira
## X'inhu sehmek fiha?

minn Mons. Lawrenz Mifsud
*Rettur tas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù*




Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Parroċċa tagħna, hija waħda mill-aktar magħrufa li jsiru f'Malta u Għawdex. Ir-raġuni ta' dan huwa l-fatt li f'din il-Purċissjoni jieħdu sehem għadd kbir ta' nies u persunaġġi għax il-vari huma artistiċi u miżmuma tajjeb ħafna, u fuq kollox għax issir b'serjetà kbira.

Jixraq għalhekk li kull min jieħu seħem f'din il-Purċissjoni jħoss ir-responsabilità li għandu biex bl-imġieba tiegħu jew tagħha, tkun qed tgħin u mhux tfixkel din id-dehra sabiħa ta' dan l-ispettaklu reliġjuż.

F'dan l-artiklu nixtieq nurikom li kulħadd, mit-tfal sa l- ikbar persunaġġ, għandu jżomm quddiem għajnejh dan li se ngħidilkom biex ngħinkom fil-parti li qed tagħmlu f'din il-purċissjoni.



## It-Tfal

It-tfal għandhom importanza kbira f'kull purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għaliex l- Evanġelji kollha jsemmu li kienu jgħajtu u jxejjru l-friegħi taż-żebbuġ u naħseb li kienu wkoll mal-folla li bdiet tgħajjat quddiem Pilatu, u fit-triq lejn il-Golgota.

Dawk it-tfal li jkunu jġorru xi simboli tal-Passjoni, jew xi kliem mill-Iskrittura għandhom ikunu serji waqt li jkunu qed juru dawn is-simboli lin –nies li qed tara l-Purċissjoni.



## Iż-Żgħażagħ

Iż-żagħżagħ għandhom sehem kbir fil-Purċissjoni, sew jekk jirrapreżentaw xi personaġġi mill-Iskrittura, sew jekk jerfgħu xi vara, jew suldati jew jagħtu xi servizz



ieħor. L-imġieba tagħkom tista' tgħin jew tfixkel is-serjetà tal-Purċissjoni. Ta' min ifakkar li l-Purċissjoni b'dak kollu li fiha, hija kontinwazzjoni taċ-ċerimonji sbieħ li jkunu għadhom kemm saru fil-knisja.

## Ir-Reffiegħa

Ir-reffiegħa huma kważi l-protagonisti f'din il-purċissjoni.

Ir-reffiegħa tal-vari jkunu ħafna drabi jbatu huma wkoll, u għalhekk fit-tbatija tagħhom wieħed jista' jimmaġina kemm kienet aktar kbira t-tbatija ta' Kristu, f'dak il-misteru jew vara partikulari li huma jkunu jġorru. Ir-reffiegħa sbieħ, u bil-għaqal huma dawk li mhux biss ikunu dekorużi fl-ilbies nadif tagħhom, imma fl-imġieba tagħhom ukoll, mhux biss waqt li jkunu mexjin, imma aktar waqt li l-vara tkun wieqfa fuq il-forċina. Huwa dan il-mument l-aktar perikoluż, u li kultant jistona, …meta tara reffiegħa taħt il-vari jixorbu, jieklu, ipejpu u kultant juru li assolutament insew li qegħdin jieħdu sehem f'wirja reliġjuża fejn hemm imdaħħal Kristu stess.



## Il-Forċini

Ix-xogħol ta' dawn huwa li jaraw li meta tieqaf il-vara, tkun imserrħa fis-sod, u li ma tistax taqa'. Huwa xogħol importanti u jitlob ukoll ħila. Imma billi dawn jimxu wkoll flimkien mar-reffiegħa waqt il-purċissjoni, tajjeb li jħossu li l-imġieba tagħhom tista' tgħin jew tfixkel id-dehra sabiħa u reliġjuża tal-purċissjoni.



## Dawk li Jerfgħu s-Slaleb

Dawn huma ta' attrazzjoni kbira, għax żgur li dawn iridu jkunu nies li lesti li jsofru speċjalment meta t-triq ma tkunx wietja, u meta s-salib jaqa' f'xi ħofra. Dawn l-irġiel qed juru lin-nies it-tbatija ferm iżjed kbira li bata Kristu għalina mgħobbi bis-salib li fuqu kellu jtemm ħajtu. Kif tgħid it-tradizzjoni Ġesù waqa' tliet darbiet biex jurina l-kruha tad-dnub tagħna.

## Dawk li Jerfgħu l-Lanterni

Dawn iridu jifhmu li dak id-dawl li qed iġorru mhux sempliċiment biex isebbaħ il-purċissjoni, imma huma xbiha ta' Kristu li Hu stess qal li Hu d-dawl tad-dinja.

B'dan il-mod nistgħu inħarsu lejn kull persunaġġ li jieħu sehem jew tieħu sehem fil-Purċissjoni mhux bħala atturi fid-dramm tal-Passjoni, imma bħala rappreżentanti ta' nies li ħadu sehem fil-Passjoni ta' Kristu, jew inkella ta' azzjonijiet li permezz tagħhom Kristu tant sofra.



## Is-Suldati

L-imġieba ta' dawn hija ferm apprezzata u innutata. Minħabba l-ilbies rikk tagħhom, minħabba l-preċiżjoni fil-mixi, flimkien ma' dawk li jdoqqu l-**bugles u t-tnabar**, fihom infushom huma spettaklu rikk u sabiħ.

Imma fuq kollox ma jridux jinsew li qed jieħdu sehem fir-rappreżentazzjoni tal-ikbar ġrajja ta' mħabba li fdiet id-dinja. Jalla id-dehra ta' dawn is-suldati tfakkar lilhom u lin-nies kollha il-qilla u l-kefrija li sofra Kristu taħt dawn is-suldati, għall-imħabba tagħna lkoll.



## In-Nies li Jimxu wara l-Vari, Speċjalment ir-Redentur u d-Duluri

Żgur li mhix xi xalata tieħu sehem f'purċissjoni ta' aktar minn sagħtejn, speċjalment jekk tkun qed tbati għax mingħajr kalzetti jew żarbun. Flimkien ma' dawn insemmu wkoll lil dawk li jimxu bil-ktajjen marbutin ma saqajhom bħala wegħda għal xi grazzja kbira li jkunu qalgħu. Dawn kollha



jridu jiftakru li dik it-tbatija tagħhom hija forma ta' grazzi lil Ġesù jew lil Madonna ta' xi grazzja li jkunu rċevew jew jixtiequ jirċievu; imma fuq kollox jirrappreżentaw lilna lkoll, lill-bnedmin kollha li nixtiequ ngħidu GRAZZI lil Kristu u lill-Madonna ta' l-imħabba kbira li wrewna u għadhom juruna fil-ħtiġijiet tagħna.

JADE ONYX
JEWELLERS
ZEBBUG & FGURA

IMPORTERS OF FINE JEWELLERY
AND SILVERWARE

THE PLACE TO FIND GIFTS OF SILVER,
GOLD JEWELLERY AND SILVER GIFTWARE.

Tel: 2146 3833 - 2167 3286




BRIAN
TYRE SERVICE
Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 21 461067

Noel
Auto
Dealer
Japanese
Cars

*Silta minn*

# "Mhux il-Fjuri Kollha Jinxfu"

## *Tifkiriet tal-Ġimgħa l-Kbira tas-snin ħamsin*

minn Oliver Friggieri

*Dawn huma siltiet, meħudin minn ktieb ġdid ta' tifkiriet li għadu m'huwiex ippubblikat, 'Mhux il-Fjuri Kollha Jinxfu', u li hawn qegħdin jixxandru għall-ewwel darba. Fuq dawn it-tifkiriet huma mibnijin ukoll ir-rumanzi ppubblikati diġà ta' l-awtur, "Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ", "It-Tfal Jiġu bil-Vapuri" u "La Jibbnazza Niġi Lura", kotba li fihom dan l-ambjent.*



Il-knisja fid-dar tagħna ma kinitx biss il-post fejn jien u ħuti konna nehdew nilagħbu. Hemm konna wkoll niltaqgħu l-familja kollha filgħaxija biex ngħidu r-Rużarju. Nibdew billi nixegħlu x-xemgħat, nitfu d-dawl fil-kamra u fil-bqija tad-dar, u nibdew il-ħames posti, il-ħames biċċiet tar-Rużarju, għaxar Avemarijiet li huma Tal-Ferħ, jew tat-Tbatija, jew tal-Glorja. Ommi kienet dejjem tispiċċa biex tgħid il-litanija bil-Latin, kif trabbiet tgħidha bl-amment, aktarx bħan-nisa kollha tal-ġenerazzjoni tagħha, u fi tmiemha kienet iżżid it-talb għall-mejtin.

Minkejja l-ħafna festi li konna nħobbu nagħmlu tul is-sena kollha, ebda festa ma kellha seħer u ħakma akbar fuqna mill-Ġimgħa l-Kbira. Minn ġimgħat qabel, dejjem kif konna naraw li jsir fil-knisja ta' San Publju, fil-knisja ċkejkna tagħna konna noħolqu l-ambjent tar-Randan. Inneħħu d-damask aħmar, inbiddlu l-gandlieri, inneżżgħu l-artal mit-tiżjin tas-soltu, u ngħattu l-figuri sagri u l-inkwatri tal-qaddisin u tal-Via Sagra bi bċejjeċ tad-drapp vjola jew b'karti tat-tajr ta' l-istess lewn li konna nixtru mingħand Saver in-Napez. B'hekk il-knisja tagħna kienet tkun imħejjija għall-Ġimgħa l-Kbira bħal kull knisja normali.

## Statwi, Inċens u Ġiżi

L-ewwelnett konna nibdew biex xi ġimagħtejn qabel noħorġu l-istatwi tal-



Ġimgħa l-Kbira mill-kaxex fejn inkunu rfajniehom imgeżwrin fit-tiben; kienu kaxex taż-żraben, ideali biex nerfgħu fihom. Lil dawn l-istatwi tat-tafal konna nħobbuhom wisq aktar mill-oħrajn, anki forsi għaliex konna narawhom quddiemna ftit jiem biss tul sena sħiħa. Konna xtrajniehom waħda waħda bi ftit xelini bil-mod. Kellna l-istatwa ta' Kristu fl-Ort imfarraġ mill-Anġlu, l-istatwa tal-bewsa ta' Ġuda, l-istatwa tar-Redentur u ta' l-Ifflaġellat, l-istatwa tal-Veronika bil-maktur f'idha, l-istatwa tad-Duluri, l-istatwa tal-Kruċifissjoni u s-Sepulkru.

F'Ħamis ix-Xirka konna narmaw l-artal kollu fjuri, buqari u ġiżi kollha bojod. Bjuda u fwieħa. Konna ngħaddu sigħat sħaħ nirranġawhom imtarrġin bħalma konna naraw li jsir fis-Sepulkru tal-parroċċa. Herbert kien iġib xi żewġ ideat mis-Sepulkru tal-knisja ta' Sarria wkoll, u



mhux l-ewwel darba li minn hemm ġieb miegħu wkoll ħodon fjuri minħabba li hu kien jieħu ħsieb it-tħejjija ta' ħafna affarijiet bħala abbati. Xi drabi kien iġib ukoll biċċa inċens, li konna nistagħġbu wisq bil-fwieħa tagħha. Ma kienx ikollna aptit inżarmawh is-Sepulkru tagħna, u meta s-sagristan tal-Furjana kien jibda jżarma kollox, konna mmorru u nitolbuh bukkett u hu kien jagħtina bil-qalb kollha. Is-Sepulkru jfisser fjuri bojod, u fuq kollox ġiżi. Il-buqari, jew aħjar il-ġilji, kienu hemm, iżda kienu rari għalina. Il-Mall kien ikun mimli ġiżi, ta' kull lewn, minn tarf sa ieħor. Hekk ukoll il-Gotti, kif kienu jsejħulu (jiġifieri l-Argotti). Ir-riħa tal-ġiżi kienet tant qawwija li kienet qisha toħloq ambjent speċjali. Fejn hemm il-fjuri, hemm il-ħlewwa... Nimmaġina lil Malta mimlija bil-fjuri s-sena kollha, kull fejn tmur, u kull fjur hu marbut ma' staġun tas-sena, u staġun ta' ħajjitna. Mhix ħolma diffiċli! Illum hawn tant nies tassew bravi fit-trobbija tal-fjuri ta' kull xorta. Fjuri li jinxfu, fjuri li ma jinxfux, imma huma dejjem fjuri li jwasslu xewqa tajba.

Il-fjuri konna nħobbuhom ħafna iżda lix-xema' xi ftit iżjed. Xemgħat ħoxnin u oħrajn irqaq, uħud twal u oħrajn qsar, dejjem bċejjeċ li konna niddubbaw mis-Sagristija. Konna nixtru x-xema' mill-ħwienet ukoll, iżda dawk konna narawhom bħallikieku artifiċjali, u x-xemgħat tal-knisja konna



nippreferuhom. Kellna maħżen żgħir tax-xema' għas-sena kollha, iżda għall-Ġimgħa l-Kbira konna noħorġu kemm nistgħu minnhom. Ir-riħa tagħhom kienet tinxtered mad-dar kollha u ommi kienet titgħaxxaq waqt li twiddibna noqogħdu b'seba' għajnejn li ma nagħmlux xi storja b'xi ħruq.

L-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira ma kellhomx xi siwi artistiku speċjali, iżda konna ngħożżuhom daqs biċċa deheb. Kienu jqanqlu fina s-sens kollu ta' l-istaġun liturġiku u aħna u nħarsu lejhom u nżejnuhom b'bukketti żgħar u xi xemgħat ċkejknin quddiemhom konna nidħlu tassew fl-ispirtu tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. L-uċuħ kienu komuni ħafna, iżda kien biżżejjed li narawhom ħerġin minn qalb it-tiben u mbagħad imqassmin ħdejn xulxin, biex l-immaġinazzjoni tagħna tixgħel u nħossu l-gravità traġika ta' din it-tifkira.



Konna ngħaddu ħin naqraw is-siltiet tal-Passjoni mill-Vanġelu. Kellna l-edizzjonijiet żgħar ta' Patri Paris u konna għadna żgħar wisq biex nibdew niskopru l-ġmiel tat-traduzzjoni ta' Pietru Pawl Saydon. It-tliet sigħat bejn nofs in-nhar u t-tlieta tal-Ġimgħa l-Kbira konna ngħadduhom f'sikta kbira, naqraw it-testi tal-Passjoni waħedna u nitolbu. F'dik il-ġimgħa ommi u missieri ma kienu jħalluna nagħmlu ebda storbju żejjed fid-dar. Ir-Rediffusion (ir-radju ta' dak iż-żmien, kaxxa bil-*wire* miegħu u bi swiċċ biex tiftħu, tgħollilu, tbaxxilu u titfih) kien ikun magħluq jew għallinqas jinfetaħ f'xi ħinijiet biss għall-bżonn, u dejjem b'volum baxx ħafna. Kien jinżamm baxx anki meta kien ikun qiegħed ixandar marċi funebri jew mużika sagra. Il-ħsieb tal-mewt ma jammetti ebda ħoss. Ġimgħa ta' viżtu.

"Isktu għax Ġesù mejjet!" niftakarha tgħidilna ommi darba malli semgħatna ngħollu leħinna.

L-ambjent li ħloqna fid-dar bil-knisja armata kien jinfirex sat-tarf l-ieħor tad-dar: sal-kċina. F'dawn il-ġranet ommi kienet iddewwaqna għall-ewwel darba l-ful u l-qaqoċċ. Kienet tgħaddi sigħat tqaxxar il-ful u timla l-qaqoċċ

# *MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 2123 0301**
**Fax: (+356) 2123 0301**

***Assisi/Cassia/Padre Pio Day Trips***

# Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION**
**& SERVICE OF FIRE FIGHTING**
**& FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 2144 4924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

għall-ikla ta' filgħaxija wara jum sħiħ ta' sawm. Kienet tfakkar lil missieri biex jixtri kagħka ta' l-Appostli, mimlija ġunġlien u lewż.

Ma konna qatt nonqsu li mmorru naraw il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, u dejjem il-Belt Valletta. Ommi kienet tkun diġà marret wara d-Duluri, għall-purċissjoni tagħha, u tkun imxiet ħafja, skond wegħda li kellha. Kienet tneħħi ż-żarbun malli l-purċissjoni tibda miexja, u mbagħad terġa' tilbsu malli l-istatwa tkun resqet sewwa lejn il-knisja biex terġa' tidħol. Id-Duluri, madankollu, kienet figura ewlenija matul is-sena kollha: ommi kellha dejjem santa mdaqqsa tad-Duluri xi mkien fil-kamra tas-sodda.

Matul il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira konna nfittxu lil xi bejjiegħ tal-karamelli tal-ħarrub, u konna nixtru ftit, imgeżwrin fil-karti strazzi. Ommi kienet isserrħilna rasna li stajna nsoffuhom kemm irridu għaliex b'hekk ma konniex se niksru s-sawma. Is-sawma kienet: kafe' bla ħalib fil-għodu, ikla żgħira f'nofs in-nhar, kafe' aktar tard, u ikla żgħira fil-għaxija. Bis-sawma konna nħossuna wkoll adulti. Ma konniex għadna nafu li bħala tfal ma konniex mistennija li nsumu. Għal missieri l-purċissjoni tal-knisja Ta' Ġieżu kienet eżempju kbir ta' serjetà li tixraq lill-okkażjoni. Kien jammira l-mixi meqjus u t-tqassim tajjeb tan-nies li jieħdu sehem, kif ukoll il-marċi funebri, id-dwal baxxi tul it-toroq kollha tal-belt. Maż-żmien apprezzajna diversi purċissjonijiet sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira fi bliet u rħula ftit imbegħdin minna.



Wara l-purċissjoni, aħna u nsoffu l-aħħar ftit karamelli tal-ħarrub, ħsiebna kien ikun fl-ikla tal-ful u tal-qaqoċċ, iżda l-aħħar sigħat tal-lejla qabel l-irqad konna ngħadduhom quddiem il-vari. Konna nafu li ma' sebħ is-Sibt l-atmosfera funebra kienet se tibda tonqos biex twassal għall-ferħ ta' Jum il-Qawmien. Ma kellniex statwa ta' l-Irxoxt u għalhekk kien se jasal dalwaqt il-ħin li jkollna nerġgħu nżarmaw kollox.

## Storbju Sħiħ ta' Darba f'Sena

Il-lejl tas-Sibt kellu wkoll seħer kbir fuqna. Kienet tolqotna l-knisja ta' San Publju mudlama, bla ebda bozza tixgħel jew kważi, tistenna d-dawl, u konna nkunu ħerqanin nistennew il-waqt tal-Glorja biex jerġgħu jibdew



jindaqqu l-qniepen, jinxtegħlu d-dwal kollha, u aħna ndoqqu l-qniepen li konna nkunu ħadna magħna għal dak il-waqt preċiż. Kien ikun hemm ħafna tfal li jieħdu magħhom iċ-ċuqlajta, u kienu jibdew jikkompetu fil-ħsejjes magħna li kellna l-qniepen. Min jagħmel storbju l-aktar, ċuqlajta jew qanpiena? Kellna tliet qniepen antiki, waħda akbar mill-oħra, iżda t-tlieta żgħar. Konna naqilgħuhom għall-okkażjoni mill-'kampnar' li kellna d-dar. Kienet eċċezzjoni. Kienet eċċezzjoni wkoll, fuq kollox, din il-ħarġa bil-lejl mid-dar. Konna nitlefilfu sewwa b'kowt u b'mafler, u biex ma jaqbadniex in-ngħas konna norqdu ftit qabel filgħaxija.

Moħħna issa kien ikun fl-ikla speċjali ta' l-Għid, li kienet tfisser ftit aktar ikel mis-soltu, u ikel aħjar, flixkun xorb ħafif għal kull wieħed u waħda minna, u fuq kollox sufle' minn Ta' Londra, l-aqwa dulċier tal-Furjana ta' dik il-ħabta, imfittex minn Malta kollha. Sadanittant il-knisja fid-dar tagħna tkun laħqet tbiddlet għall-festa ta' l-Għid il-Kbir. Konna nkunu neħħejna l-bċejjeċ tad-drapp jew tal-karti vjola minn fuq il-figuri sagri u minn fuq l-inkwatri, armajna d-damask aħmar u mlejna l-artal gala bil-fjuri. Il-wasla ta' l-Għid kienet iġġib magħha l-mistennija tal-festa ta' San Publiju. Dak in-nhar kienet titħabbar il-ġurnata tal-festa, u jibda l-ferħ ta' l-istaġun il-ġdid. In-nies kienu jċapċpu malli jisimgħu dik id-data. Għalija u għal ħuti dan kien ifisser li kellna nibdew naħsbu biex nerġgħu nibdew narmaw il-knisja.

Aħna konna ngħidu li qegħdin "nilagħbu bil-knisja", u hekk hi l-espressjoni bil-Malti. Kienet drawwa sabiħa mxerrda fost bosta tfal u forsi ntirtet minn nisel għal ieħor; maż-żmien naqset u minflokha daħlu drawwiet oħra, differenti ħafna, iżda d-dilettanti baqgħu u maż-żmien reġgħu kottru wkoll, forsi aktar adulti milli tfal. Għalina l-knisja tagħna fid-dar kienet żgur tagħlima li ħajjitna hi marbuta mal-kalendarju tat-twemmin Kattoliku, u li l-kultura Maltija kollha hi msejsa fuqu, mill-kċina sa kull post ieħor tal-ħajja tradizzjonali.



Ma nafx kinitx din id-drawwa li qanqlet



fija u f'ħija sa minn kmieni x-xewqa li nsiru saċerdoti, jew kinitx din ix-xewqa li ħajritna nagħmlu knisja fid-dar. Aktarx din ta' l-aħħar. Minn ħaġa jien ċert: minn dan kollu ma kien ikun xejn kieku missieri ma kellux il-ħila jerġa' jsir tifel bħalna u jifraħ magħna u jixtrilna kull gandlier u kull statwa li konna nitwebblu bihom, u kieku ommi ma kellhiex sabar liema bħalu hi u tħallina nieħdu parti jew oħra mill-ispazju limitat tad-dar biex nagħmlu artal u nbiddlu madwaru fi knisja, sakemm fl-aħħar irnexxielna neħdulha kamra sħiħa.

L-artal żgħir, il-qadim, li bdejna bih, spiċċa meta missieri għamlilna artal kbir, u l-artal kbir spiċċa meta d-dar fejn trabbejna f'Balzunetta sfat vojta bil-mewt ta' ommi. Inqered kollox maż-żmien, għaliex iż-żmien jeqred kollox, iżda mill-ħerba tiegħu rnexxieli nsalva żewġ statwi u sett gandlieri li llum ifakkruni f'ħajja sempliċi li ma terġax tkun. Fejn mar dan kollu? Aħna u nħarsu mistagħġbin lejn l-univers, nindunaw li l-liġijiet kbar tiegħu qegħdin iseħħu kollha, b'saħħithom kollha, fiċ-ċokon tad-dinja ċkejkna ċkejkna tagħna. L-aqwa, l-itqal tagħlima taż-żmien: is-silenzju tal-mewt li hu, iż-żmien ħanin u kattiv, iħalli warajh. Jibqa' album ta' ritratti, u jibqa' rakkont bħal dan. Il-memorja hi weġgħa iżda hi wkoll suvenir.

Dawn il-ftit tifkiriet huma kumpliment lil tant ommijiet u tant missirijiet Maltin li bnew dan l-ambjent reliġjuż, kulturali, sempliċi u tajjeb. B'dan il-kumpliment nittama li dawn it-tradizzjonijiet mimlija fidi u dehen jissoktaw jgħixu sakemm Malta tibqa'. B'dawn it-tradizzjonijiet u b'ħafna oħrajn stajt nirrakkonta l-istorja ta' niesna twajba f'rumanzi bħal 'Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ'. 'It-Tfal Jiġu bil-Vapuri' u 'La Jibbnazza Niġi Lura', huma wkoll kumpliment u apprezzament għal kulma ħallewlna niesna l-qodma, li minn daqsxejn ta' blata ma bnew xejn anqas minn nazzjon. Niesna ħallew wirt kbir li issa jmiss lilna li ngħadduh lil ta' warajna. Kliem dejjem antik, kliem ġdid dejjem.

**Nota Editorjali:**
Ma' dawn id-drawwiet ħelwin li kienu komuni fost it-tfal Maltin ta' nofs is-seklu għoxrin, insemmu tnejn oħra marbutin mad-daqq tal-Glorja f'nofs il-lejl ta' Sibt il-Għid, f'Ħaż-Żebbuġ. Minn xi l-ħdax ta' dak il-lejl qaddis, għadd ta' bandisti tal-Banda San Filep kienu jiġru mat-toroq tar-raħal idoqqu fanfarra bil-kurunetti biex iħabbru li Kristu Rxoxta. Imbagħad mad-daqq tal-Glorja bil-qniepen tal-knisja, it-tfal kienu jitilqu jiġru minn fejn ikunu u jieqfu biss ma' l-aħħar tokk tal-qniepen. Kienu jemmnu li dan jgħinhom jitwalu fl-istatura fiżika.

FelICI's
COLOUR CENTRE

NEXA AUTOCOLOR

ICI Dulux

OFF INDEPENDENCE AVENUE
MOSTA

TEL: 2143 4840
MOB: 9944 5842

C-Tex fashions

1, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ ZBG 03
Tel/Fax: 2146 3503
e-mail: ctexfashion@hotmail.com




*The Small Fashion Shop*
*with Great Ideas*

*Nixtiequ navżaw li ftaħna ħanut*
*ġdid ġo Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ*
*għal żmien limitat*
*bi prezzijiet bomba,*
*kollox minn Lm1 sa Lm5.*

# Il-Passjoni u l-Kurċifissi f'Leġġendi Maltin

minn Guido Lanfranco

Il-leġġendi mhumiex ħrejjef. Fihom ma tidħolx il-kwistjoni jekk humiex veri, immaġinazzjoni jew qlajja'. Ngħidu biss li dejjem ikunu marbuta ma' xi ħaġa li tassew teżisti imma l-ispjega tkun kif jaħsbuha n-nies. Għalhekk il-leġġendi huma spjega ta' xi ħaġa li teżisti imma tiġi f'ħalq il-poplu għalhekk l-ispjega tista' tkun fantastika imma wkoll tista' tkun verità. Il-leġġendi ngħiduhom u ngħożżuhom mhux bħala dokumentazzjoni jew biex noqogħdu nfettqu jekk humiex veri jew le imma għall-interess folkloristiku tagħhom.

## Ir-Redentur f'Ħaż-Żebbuġ



Hemm niċċa tar-Redentur, jew L-Imgħobbi, f'Ħaż-Żebbuġ fit-triq li minn ħdejn il-knisja parrokkjali tiegħu għal ħdejn il-knisja Ta' L-Anġli. Fil-post li fih hemm din in-niċċa jgħidu li għall-ħabta ta' tmiem is-seklu tmintax kien sar xi qtil minn wieħed li mbagħad kien għeb lejn Sqallija, imma kien ġie akkużat raġel ieħor li ma kellu x'jaqsam xejn ħlief li xi darba kien instema' jhedded lill-vittma fuq xi kwistjoni oħra. Inzerta li l-qattiel kien qed imut fi Sqallija l-konfessur tiegħu ġiegħelu jgħid li hu kien il-qattiel u b'hekk l-akkużat ġie meħlus. Bħala ringrazzjament għall-ħelsien tiegħu kien għamel din in-niċċa.

## Ir-Redentur f'Ħal Għaxaq

F'tarf Ħal Għaxaq hemm il-knisja tar-Redenrtur magħrufa aktar bħala Ta' Santu Kristu fit-triq lejn Tal-Barrani. Din tlestiet fl-1859. Minflok pittura titulari għandha statwa tar-Redentur li żmien qabel kienet fin-niċċa fit-triq. Jingħad li fl-1806 Michelangelo Zammit mir-raħal kien mar iż-Żurrieq jisma' l-priedka ta' patri Kapuċċin u tant impressjona ruħu bil-Passjoni ta' Kristu


Emanuel Hire
Mobile: 99499370



li daħħalha f'moħħu u wiegħed li jagħmel niċċa f'Ħal Għaxaq biex iżid id-devozzjoni lejn ir-Redentur. Milli jidher kien nesa kollox sakemm darba kellu aċċident waqt li kien riekeb u ma sofriex ksur jew għawġ ieħor. Din interpretaha bħala tbeżbiża għax ma kienx żamm kelmtu. Għalhekk sal-1808 malajr saret in-niċċa tar-Redentur; mhux biss imma għamel oħra bil-Veronika. Il-knisja bdiet tinbena fl-1852 u tlestiet fl-1859 minflok in-niċċa għax id-devozzjoni kienet żdiedet sewwa.

## L-Aċċjomu ta' Porto Salvo

Id-Dumnikani tal-knisja ta' Porto Salvo tal-Belt Valletta għandhom bust ta' l-Eċċe Homo li, bħal fi knejjes oħra, huwa ċentru ta' ħafna devozzjoni. Jingħad li darba daħal ħalliel fil-knisja u pprova jisraq il-virga minn id l-Aċċjomu. Dan ma seta' jaqlagħha b'xejn imma għawwiġha biss. L-għada filgħodu n-nies rawha mgħawġa u meta qabadha l-kappillan ħariġha mingħajr sforz. In-nies malajr iddeċidew li dan kien miraklu għalkemm setgħet illaxkat bit-tgħawwiġ tal-ħalliel. Madankollu versjoni oħra tal-leġġenda tgħid li l-ħalliel weħlitlu idu mal-virga u nqalgħetlu meta nqabad l-għada filgħodu.

## L-Aċċjomu tal-Fgura

Fil-knisja l-antika tal-Fgura kien hemm Aċċjomu ieħor li ħoloq leġġenda. Fl-10 ta' Lulju 1940, xahar wara li bdew niżlin il-bombi fuq Malta, niżlet bomba mal-knisja u l-Aċċjomu spiċċa mkisser qalb il-ġebel, imma rasu baqgħet tidher minn spazju bejn xi ċnagen. In-nies malajr bdew xnieha li l-Aċċjomu baqa jħares u jitlob għall-paċi. Minflok dik il-knisja issa jidher monument fi *traffic island*. Konna nisimgħu min jgħid li r-ras kien ġabarha raġel li għadda minn hemm preċiż wara li ġiet il-bomba u poġġiha bejn il-ġebel, u bdew jgħidu wkoll li l-Aċċjomu ġie jħares lejn il-Port il-Kbir.

## Il-Kurċifiss tal-Belt

Fil-knisja tal-Franġiskani Ta' Ġieżu tal-Belt Valletta hemm Kurċifiss mill-aktar devot li jintuża spiss fil-pellegrinaġġi votivi. Jingħad li kien qed jagħmlu wieħed patri Humile Pintorno li kien ġie minn Petralia, ta' Palermo, fis-seklu sbatax, fejn kien tgħallem l-iskultura. Mar jorqod biex l-għada



jkompli jaħdem ir-ras, imma jingħad li meta qam sab ir-ras lesta u qal li kienu għamluha l-anġli.

## Kurċifiss li Jgħannaq

Lorenzo Gafà, arkitett, kien joqgħod il-Birgu fejn ukoll kienet oħtu. Din kienet mara mill-aktar devota u fuq is-sodda tal-mewt jgħidu li ħaddnet Kurċifiss magħha imma jżidu jgħidu wkoll li l-istess Kurċifiss għannaq lilha. Min beda dik ix-xnieha ħoloq aġitazzjoni fost in-nies tal-Birgu li semgħu biha u l-fidili bdew jiffullaw lejn id-dar tal-mejta għax dak li ntqal mill-ewwel qatgħuh b'miraklu. Jingħad li tant inġabru nies li l-kappillan minflok mexxa l-funeral fid-dawl tal-jum qagħad jistenna sakemm daħal il-lejl biex malajr difnuha f'San Lawrenz.

## Zokk isir Salib

Suldat Malti mpjegat ma' l-Ordni ta' San Ġwan fl-1732 kien ġab miegħu minn Sardenja zokk imdaqqas biex iqattgħu għan-nar. Meta ried ikisser iz-zokk il-mannara donna ma ridetx taħdem fuqu. Daqqew il-qniepen ta' nhar il-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar u wara li qal it-talba is-suldat kompla jipprova jkisser iz-zokk. Din id-darba l-mannara ħadmet minnufih imma qasmet iz-zokk b'mod li ħa għamla ta' salib. Is-suldat sammar il-biċtejn flimkien u waqqafhom fuq pedestall. Ħadd ma jaf aktar dwar din il-leġġenda.

## It-Tliet Slaleb f'Tal-Bidni

Fl-inħawi Tal-Bidni, fit-triq bejn Ħaż-Żabbar u Marsaskala, hemm bħal ħajt f'nofs ta' triq qrib il-knisja Tad-Dawl. Fuqu hemm skolpiti tliet slaleb separati bil-pedestall taħt kull wieħed, b'dak tan-nofs bis-simboli tal-passjoni mat-traversa. Il-leġġenda tgħid li hawn kien maqtul qassis. Oħrajn jgħidu li hawn tliet patrijiet inqatlu mill-pirati u ġew midfuna x'imkien fil-qrib. Leġġenda oħra tgħid li f'dawn l-inħawi kien joqgħod eremita li qatt ma kien jittallab ikel mingħand in-nies, għalhekk in-nies tad-dawra daħħulha f'moħħhom li kien xi saħħar jgħix mingħajr ma jiekol qatt! Meta miet l-eremita n-nies difnuh imma wara ftit reġgħu rawh; reġa' qam darb'oħra, b'hekk kellhom jidfnuh għal tliet darbiet. Jgħidu li wara dan ma rawhx

aktar imma fuq ġebla jgħidu li raw kitba li tgħid li l-eremit kellu tliet erwieħ u offrihom lil Alla; għalhekk jissoponu li saru t-tliet slaleb. Tabilħaqq li ħadd ma jaf xejn ħlief taħwid u nċertezzi, imma moħħ il-bniedem jaf jibqa' joħloq il-leġġendi.

## Is-Salib ta' Balbir

F'Ħal Balzan kien hemm bini magħruf bħala Villino Balbir, isem magħġun mill-kelmiet Balzan u Birkirkara minħabba li kien jinsab qrib it-tnejn. Dan twaqqa' fl-1987 bħalma ġara lil ħafna bini ieħor ma kullimkien, imma miegħu intilef salib b'leġġenda. Jgħidu li f'dawn l-inħawi wieħed kjeriku ġie minn Birkirkara biex jara lil ħuh. Jingħad li nqala' argument serju li fih spiċċa biex inqatel il-kjeriku. Mal-ħajt ta' Villino Balbir tnaqqax salib fil-ġebel milli jidher bħala tifkira ta' dik il-ġrajja. Għalkemm m'hu magħruf xejn aktar dwar dan imma hu minnu li meta l-kleru ta' Ħal Balzan kien joħroġ biex ibierek iċ-ċimiterji fl-ewwel Ħadd ta' Novembru, kien jieqaf hawn fi trieqtu biex tingħad talba għall-mejtin quddiem dan is-salib. Din hija leġġenda tipika, għax il-leġġendi qatt ma jkunu twal; jagħtu biss spjegà għal xi ħaġa magħrufa, u f'dan il-kaz il-ħaġa magħrufa hija s-salib u l-ispjega popolari hija l-leġġenda li semmejna.

## Dwal mas-Salib fuq Għammar

L-għolja ta' Għammar bejn l-Għarb u l-Għasri hija magħrufa għad-devozzjoni lejn il-Madonna Ta Pinu u t-twajjeb Frenċ. Dan darba kien ried iħeġġeġ pellegrinaġġi fuq din l-għolja lejn niċċa proviżorja li kien waqqaf hemm fuq. Meta l-isqof skuraġġih biex ma jinħolqux attivitajiet żejda meta ġa kien hemm biżżejjed, Frenċ kien waħħal salib ta' l-injam minflok in-niċċa fuq l-għolja miżmum f'postu f'borġ ġebel biex iservi għall-pellegrinaġġi. Fl-1964 waqqaf salib tal-konkrit. Sa hawn il-fatti, imma nħolqot leġġenda li tgħid li nies twajba li bdew jiffrekwentaw dawn l-inħawi bdew jgħidu li qed jaraw xi dwal ileħħu u jisserpjaw madwar is-salib.

## Is-Salib tad-Dejma

F'salib it-toroq qabel toħroġ minn Ħal Tarxien biex tmur lejn Ħaż Żabbar jew għaż-Żejtun hemm salib tal-ġebel fuq pedestal. Dan qiegħed minflok ieħor oriġinali li kien magħruf bħala Tad-Dejma. Is-salib oriġinali tqiegħed hemm fi żmien Camillo Formosa li kien sar kappillan ta' Ħal Tarxien fl-1572. L-għajdut ituna x'naħsbu li dan is-salib beda jissejjaħ Salib Tad-

Dejma minħabba li f'dak il-post strakkament ta' l-għassa kien ġie stabbilit wara li kienet seħħet l-invażjoni minn Dragut fl-1551. Fi żmien kien hemm fuqu xbiha ta' Kristu Msallab. Is-salib kien ġie mogħti indulġenzi fl-1756 għal min jgħid Paternoster quddiemu. Wara kien trasferit għaċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ għax, kif jgħidu, suldati Ngliżi ta' l-inħawi kienu qed jagħmlulu d-dispetti u l-insulti. Fil-festi tas-Salib u żmien il-Ġimgħa l-Kbira kienu jżejnuh bid-dwal u d-damask. Fiċ-ċimiterju stess kienu reġgħu ċaqalquh. Is-salib il-ġdid sar fit-triq u nagħta ndulġenzi għal min jgħid Kredu quddiemu. Dan ukoll, fl-1976 kien ġie mċaqlaq aktar lejn il-ġenb minħabba li kien hemm bżonn aktar spazju għall-karrozzi.

Sqalli maħrub u l-istatwi tal-Passjoni jgħidu li kien hemm Sqalli li kien qatel lil xi ħadd f'pajjiżu, ħarab mill-ħabs, baħħar bil-moħbi lejn Malta u sab ruħu Għawdex. Billi ma kellu xejn tiegħu kien jittallab fit-toroq tar-Rabat u taċ-Ċittadella u jorqod f'xi għar. Ħadd ma kien jaf xejn dwaru. Darba ra l-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Fratellanza tal-Kurċifiss u wara qalilhom li jekk jagħtuh ftit kenn u ikel huwa kien lest li jagħmlilhom mingħajr ħlas xi vari għal dik il-proċessjoni. Qal li fi Sqallija huwa ġieli kien jaħdem minnhom. Jingħad li għamlilhom erba' vari u n-nies tal-post baqgħu jgħinuh u ħallewh jgħix fosthom.

## Ix-Xewka tal-Kuruna



Il-kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann kellhom ħafna ċerimonji fil-knisja u barra, bosta minnhom għal żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Minn Rodi kienu ġabu magħhom żewġ relikwarji bix-xewka ta' Kristu. Waħda minnhom kienu jgħidulha mirakoluża u fl-1587 kienu mmudellawlha relikwarju ġdid. Kienu jgħidulha 'mirakoluża' għax fil-laqgħa tal-kapitlu ta' l-Ordni, f'Ruma fl-1446 kienu ddeċidew li din kienet tnibbet f'nofsinhar tal-Ġimgħa l-Kbira meta jesponuha fuq l-altar. Din il-leġġenda kemm-il darba jiftakru fiha xi Maltin.

## Is-Salib ta' Rajt ma Rajtx

Kif tħalli L-Imsieraħ (San Ġwann) u taqbad il-limiti ta' Birkirkara, hemm salib fuq kolonna tal-ġebel ma' ġenb it-triq. Dan huwa magħruf popolarment bħala s-Salib ta' Rajt ma Rajtx. Is-salib m'għadux fejn kien u lanqas kif kien

fl-aħħar ftit snin tas-seklu għoxrin u t-triq li kien hemm qabel sparixxiet fost ħafna binjiet u toroq ġodda. Dan is-salib darba kellu miegħu kliem b'ċertu stil ta' Taljan: "Vedi, audi et taci, Si vivi campari in paci" li tfisser "Ara, isma' u ibqa' sieket biex tgħix fil-paċi." Imma s-salib kien waqa fil-maltemp fl-1952 u meta rranġawh qabdu u bajdu wkoll il-kliem li kien hemm. Dan l-isem tas-salib ġej minħabba leġġenda li tingħad dwaru. Kien hemm raġel bilqiegħda u ra raġel għaddej mgħaġġel lejn l-isqaq u wara ftit ġie ieħor jiġri warajh. It-tieni wieħed staqsa lil dak li kien bilqegħda jekk kienx ra lil xi raġel għaddej, u dak qallu li rah dieħel fl-isqaq. L-għada r-raġel li daħal l-ewwel fl-isqaq instab maqtul. Is-salib jgħidu li kien inbena fis-seklu sbatax biex ifakkar dik il-ġrajja. Sas-snin tmenin tas-seklu għoxrin ġa kien inħatt u tressaq ftit biex jagħmel il-wisa'.

Tingħad leġġenda oħra li għandha x'taqsam ma' dan is-salib. Wieħed li kien jieħu l-barrin lejn il-biċċerija tal-Marsa kien jgħid li matul il-lejl kien jara proċessjoni ta' rġiel qishom erwieħ, uħud bix-xemgħa f'idhom, iduru ma' dan is-salib ta' Rajt ma Rajtx. Kien jgħaddi minn hemm bil-lejl għax kien ikollu jeħodha bil-mixi, u bil-barrin jimxu kien jieħu s-siegħat fil-vjaġġ. Kien jgħid li kienu jkantaw innijiet għall-mejtin imma ħadd minnhom ma kien jitkellem u lanqas iħares lejh.

F'Jannar tal-1983 xi vandali kissru s-salib u l-fanal. F'Marzu tqiegħed ieħor tal-bronż u tbierek b'ċerimonja wara li saret Via Sagra. Din tidher li kienet it-tielet darba li tkisser u ssewwa. Fl-2001 ġie avżat li se jċaqalquh minħabba li se jinbena l-isptar. F'Mejju 2002 fi Frar 2003 u Settembru 2004 reġa' ġie vandalizzat imma fl-aħħar, fit-12 ta' Diċembru 2004 ġie inawgurat ġdid fejn jinstab issa. Madankollu xorta wieħed żagħżugħ kisser il-Kurċifiss f'Marzu 2005. Issa nittamaw li jħalluh bi kwietu, jfakkar il-leġġendi tiegħu.



The Rose Shop

• Fresh flowers for all occasions
• Dried & artificial plants & flowers
• We also cater for hotels, restaurants & embassies
• Invitations
• Souvenirs & accessories

FREE DELIVERY

119, Triq il-Ġdida, Qormi QRM 07
Tel: 2148 3341, 2148 3443 Fax: 2148 3343



# MARBLE & GRANITE

Creations

*Manufacturer of staircases, monuments, kitchen tops and all kinds of marble & granite works*

Mario Garage
N/S in Mdina Road, Ûebbu©
Tel: 2146 6643
Mob: 9947 8945

# Il-Missa De Requiem

## *mil-Lenti Mużikali*

kitba ta' Philip Ellul LL.B.

L-istoriċi tal-mużika sagra korali jaqblu bejniethom li mill-1600 'il quddiem, il-*Missa de Requiem* (il-Quddiesa tal-Mejtin) bdiet tiġi immużikata minn numru kbir ta' kompożituri, u l-aktar li żviluppat kien proprju f'dan iż-żmien partikulari.

Ħafna kompożituri ta' dan il-perjodu xtaqu jkabbru u jorqmu l-espressjoni mużikali tagħhom, u għaldaqstant ħassew li dan setgħu jiksbuh billi jimmużikaw il-versi tal-Quddiesa tar-*Requiem*. Hekk għamlu kompożituri bħal Jean de Bournonville u Antonio Brunelli fl-1619. Uħud minn dawn il-Quddies ġew ippubblikati, filwaqt li oħrajn baqgħu magħluqin f'manuskritti ta' kollezzjonijiet partikulari ġo xi monasteru, jew ta' kollezzjonijiet privati.

Il-Quddies tar-*Requiem* miktuba għal okkażjonijiet speċjali żdiedu ħafna wara l-1600. Il-kompożituri li għexu f'dan is-seklu daħħlu fil-mużika għall-Quddies tar-*Requiem* il-ħsejjes u l-istili mużikali ġodda li kienu qegħdin jibdew jintużaw f'tipi oħrajn ta' mużika korali, fil-mużika orkestrali, kif ukoll f'dik operistika. Il-bidla mużikali prinċipali kienet li fil-mużika tal-Quddies bdiet tkun aktar frekwenti r-ripetizzjoni tal-versi tar-*Requiem*, b'mod partikulari, l-espansjoni tal-mużika għas-Sekwenza, magħrufa aħjar bħala d-*Dies Irae*. Ir-*Requiem* ta' Giuseppe Bonno tinkludi mużika għat-trumbuni, b'mod li toħloq ftuħ dinamiku straordinarju għas-Sekwenza.

Xi Quddies tar-*Requiem* magħrufa li nkitbu bejn is-Sekli Sbatax u Tmintax huma: ir-*Requiem* ta' Carlo Campioni, miktuba għall-Imperatriċi Maria Tereża; il-Quddies tar-*Requiem* ta' Paisiello, Johann Christian Bach, Domenico Cimarosa, Michael Haydn, Leopold Mozart, u Pergolesi, fost ħafna oħrajn.

Ir-*Requiem* tant popolari ta' Wolfgang Amadeus Mozart (KV626, miktuba fl-1791), baqgħet ma ntemmitx sa qabel mewtu, u mbagħad irnexxielu jiffinalizzaha Sussmayr wara Mozart. Il-*Missa de Requiem* ta' Mozart titqies bħala waħda mill-iktar kompożizzjonijiet importanti ta' dan il-ġenju mużikali, kif ukoll waħda minn dawk il-Quddies tar-*Requiem*, miktuba fis-

Seklu Tmintax, li l-aktar għadhom jiġu eżegwiti frekwentement, sal-gurnata ta' llum. L-espressività u l-intensità li fih dan ix-xogħol jintrabat maż-żmien partikulari li kien qed jgħix fih il-kompożitur, jiġifieri l-aħħar ġranet ta' ħajtu.

Il-kompożitur famuż Taljan Luigi Cherubini kkompona żewġ Quddisiet tar-*Requiem* - waħda minnhom fl-1817, li ndaqqet għall-ewwel darba biex tikkommemora l-qtil tar-Re Lwiġi XVI ta' Franza. Ħafna kompożituri magħrufa kkummentaw b'mod impressjonanti fuq ix-xogħol ta' Cherubini: Beethoven, per eżempju, qal li din il-kompożizzjoni kienet isbaħ u aqwa minn dik ta' Mozart, filwaqt li Berlioz qal li dan ix-xogħol kien bla dubju l-kapolavur assolut (l-*opus maior*) ta' Cherubini. F'din ir-*Requiem* partikulari ma jieħdux sehem solisti, u s-Sekwenza tad-*Dies Irae* tindaqq f'moviment wieħed kontinwu. Is-Sekwenza ta' dan ix-xogħol tibda bid-daqq tal-*gong* taċ-Ċinaġ. Dan l-element tal-perkussjoni jilħaq il-milja tiegħu fir-*Requiem* ta' Hector Berlioz.

Il-Quddies tar-*Requiem* ta' Giuseppe Verdi u Hector Berlioz huma t-tnejn miktuba fuq skala kbira ħafna, dominati minn passaġġi vokali, korali u orkestrali tipikament operistiċi li jirrikjedu riżorsi strumentali daqs, jew aktar, minn rappreżentazzjoni operistika. Dawn iż-żewġ Quddisiet huma meqjusa fost l-aktar xogħlijiet popolari fir-repertorju kollu tal-mużika sagra u tal-Quddies tar-*Requiem*. Is-Sekwenza tad-*Dies Irae* fix-xogħol ta' Verdi hi mużika ta' intensità kbira ħafna u tinvolvi diffikultajiet kemm għas-solisti, kemm għall-kor, kif ukoll għall-orkestra. Min-naħa l-oħra, il-Quddies tar-*Requiem* ta' Franz Liszt, Camille Saint-Saens, Anton Bruckner u Antonin Dvorak, huma aktar konservattivi minn dawk ta' Verdi u Berlioz, għaliex jenfasizzaw aktar l-espressjoni tradizzjonali li kienet tiddomina l-era mużikali ta' żmien Cherubini.

Gabriel Faurè ikkontribwixxa waħda minn fost l-aktar Quddies tar-*Requiem*, miktuba fis-Seklu Dsatax, li jindaqqu madwar id-dinja. Faurè ikkompona dan ix-xogħol fis-sena 1887. Din ir-*Requiem* hija popolari ħafna minkejja li tesprimi ċertu sempliċità kemm vokali, korali, kif ukoll orkestrali. Ir-*Requiem* ta' Faurè kisbet post permanenti fir-repertorju tal-mużika sagra korali.

Kompożituri oħra li ħallewlna warajhom il-mużika għall-Quddiesa tar-*Requiem* fis-Seklu Dsatax huma Charles Gounod (il-kompożizzjoni tiegħu hija intitolata *Mors et Vitae*), Giacomo Meyerbeer, u Karl Reinecke. Minbarra dawn, mijiet ta' Quddies oħra, ta' kull forma u kobor mużikali, inkitbu

tul is-Seklu Dsatax. Ħafna minn dawn, iżda, intużaw għal ftit taż-żmien u mbagħad ma baqgħux jindaqqu iktar, ħlief għal xi wħud li rnexxielhom iżommu posthom fir-repertorju.

Fis-Seklu Għoxrin, ħalliet impatt kbir ir-*Requiem* ta' Maurice Duruflè, miktuba fl-1947. Dan ix-xogħol kiseb suċċess mondjali u ħafna kritiċi jikkomparawh mal-livell tar-*Requiem* ta' Faurè. Dawn iż-żewġ xogħlijiet (ta' Duruflè u Faurè), jitqabblu flimkien minħabba l-liriċiżmu li fihom, kif ukoll minħabba l-istil mużikali tagħhom, li jixxiebah minn ħafna lati. Ir-*Requiem* tal-kompożitur Ingliż Benjamin Britten ukoll titqies bħala waħda ta' livell għoli ħafna. Britten isemmi dan ix-xogħol tiegħu *War Requiem,* għaliex hu jħallat il-kliem proprju tar-*Requiem* ma' xi versi mill-poeżiji ta' Wilfred Owen, poeta kbir Ingliż ta' żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Din l-analiżi turi li l-*Missa de Requiem* minn dejjem affaxxinat lill-kompożituri u ispirathom biex jikkomponu passaġġi vokali, korali u orkestrali mill-isbaħ, mimlija passjoni, intensità u, fuq kollox, spiritwalità tassew profonda.

JOLLY
COMPONIBILI
2
FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALL UNITS - SETTEES
FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS

Mdina Road Żebbuġ - Malta
**Tel / Fax: +356 2146 6154**

# Marċi Funebri

## mill-Banda San Filep
## fuq erba' CD/Cassettes

| | |
|---|---|
| Mesto Ricordo | Angelo Melilli |
| Il Cipresso | Angelo Melilli |
| Venerdi Santo | Carmelo Micallef |
| Aria | Frederick Chopin |
| Aria | Ludvig Van Beethoven |
| Mater Dolorosa | George F. Handel |
| Omm Imnikkta | Imelda Tanti |
| In Memory of Rev. L.Callus | Michael Ciantar |
| A Mia Figlia | Domenico Bartolucci |
| A Miei Cari Genitori | Andrew Calleja |
| Mesto Recordo | AmadeoGannini |
| A Mio Padre | Giacchino Rossi |
| A Dilecto Padre Meo | Philip Attard |
| Riposo Eterno | Michael Ciantar |
| Cordoglio | Antonio Meruzzi |
| He is no More | Karmenu Coleiro |
| Pietà | Raymond Fenech |
| B'Tifkira tal-Bandisti Mejtin | Emanuel Bugeja |
| In the Cool Dark Grave | Philip Gatt |
| Rimpianto | Vincenzo Ciappara |
| L'Ultimo Addio | Antonio Miruzzi |
| In Memory of St. Philip's Club Members | Raymond Fenech |
| In Memory of Philip and Anne Ciantar | Brian Cassar |
| In Memory of Filippa Farrugia | John Ciantar |
| L'Ultimo Saluto | Karmenu Chircop |
| Largo (1853) | Filippo Galea |
| Alla Memoria Dei Caduti del Transvaal (1899) | Angelo Melilli |
| L'Ultima Parola di Mio Padre (1911) | Michele Gatt |
| Fonts De Larmes (1930) | Adeodato Gatt |
| September 11, 2001 | Richard Bugeja |
| Il Salice | Cardegno Botte |
| Lapide e Cipressi (1928) | Nicolò Montebello |
| Marcia Funebre | Emanuele Mattioli |
| B'Tifkira ta' Mro. Indrì Borg | Emanuel Bugeja |
| A Mia Madre Teresa | Hector Dalli |

***Il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-parroċċa ta' San Filep nhar il-Ġimgħa 6 ta' April 2007.***






# Ħames Wirjiet fil-Każin Banda San Filep



***Minn fuq nett kif idur l-arloġġ:***

***iċ-Ċenaklu***
***il-Kruċifissjoni,***
***vara żgħira mis-sett ta' Jonathan Agius,***
***id-Difna,***
***il-Via Sagra ġdida fix-xelter,***
***l-irxoxt***







## Ħinijiet tal-ftuħ tal-wirjiet:

mill-Ħamis 29 ta' Marzu sa nhar Ħamis ix-Xirka, 5 ta' April: 10:00 – 12:00 u 18:00 – 22:00
nhar il-Ġimgħa l-Kbira 6 ta' April: 09:00 – 13:00 u 15:00 – 22:00
nhar Sibt il-Għid: 18:00 - 22:00 u nhar il-Għid il-Kbir: 9:30 - 12:00

K-OPTICS
OPTICAL CENTRES

# Qualified Dispensing Opticians

## 8, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ

## Tel: 2146 7651

**Għal dak kollu li għandek bżonn għall-għajnejk, K-Optics joffru:**
Servizz ta' 24 siegħa kważi fuq kollox li jinkludi:
Anti Reflection Coating biex il-ħġieġ ma jleqqx • Ultra Violet Coating biex jipproteġilek għajnejk mir-raġġi tax-xemx u tal-computer monitors, Hard Coating biex tevita l-brix mil-lentijiet tal-plastik.

**Joffru wkoll**
Contact Lenses bit-Lm13-il par u dak kollu li għandek bżonn għalihom.

L-iżjed ditti famużi tan-nuċċalijiet tax-xemx u tal-viżta bħal Sting, Police, Fila, Lozza, Gucci, La Perla, Etro, Celine, Furla, Givenchy, YSL, Christian Dior, Escada, Armani, Valentino.

**Speċjalista ta' l-għajnejn**
Kull nhar ta' Tlieta filgħaxija • L-Erbgħa filgħodu

Il-prezzijiet tan-nuċċalijiet jibdew minn Lm12 'il fuq.

**Head Office**
*Rockland* 5, Windsor Terrace, Sliema, Malta
Tel: 2131 8771 Fax: 2131 0094

98, Żabbar Road, Paola, Malta
Tel: 2180 4619

28, Republic Square, Żurrieq, Malta
Tel: 2164 1052

101/103, Triq il-Kunvent, Żabbar
Tel: 2180 0870

47, Triq Madonna tal-Bon Kunsill, Żejtun
Tel: 2182 1647

Tiġrija Palazz Complex, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4161

**e-mail: koptics@maltanet.net**
**Website: www.maltawide.com/koptics**

# Id-Drama u l-Liturġija fil-Ġimgħa Mqaddsa fi Sqallija

minn Brian Bonnici

Fil-Medjuevu twieldet u ħadet spinta l-espressjoni teatrali li minnha żviluppa d-dramm sagru, ħafna drabi mnebbaħ mill-evanġelji, it-tradizzjonijiet u elementi liturġiċi. Kien f'dan il-perijodu li rajna l-liturġija tistagħna b'għadd ta' innijiet, responsorji u antifoni imnebbħa minn element qawwi ta' sentimentaliżmu, li nfirxu mad-dinja Kristjana Ewropeja fil-ħames seklu. Bejn l-10 u t-12-il seklu għadd ta' episodji, siltiet mill-Evanġelu u parabboli bdew ikun rappreżentati f'forma drammatika fil-knejjes, monasteri jew biswithom u bdew jiffurmaw parti mill-festi jew tifkiriet liturġiċi, liema importanza dejjem inagħata lil dawk ix-xeni marbutin mal-ħajja ta' Kristu, l-aktar fi żmien il-Għid u l-Milied. Aktar tard bdew isiru wkoll rappreżentazzjonijiet dwar il-ħajjiet tal-qaddisin – l-aktar dawk martri.



L-importanza ta' dawn r-rappreżentazzjonijiet u l-popolarità tagħhom dlonk infirxet ma' l-Ewropa kollha u minbarra li fihom kienet tintuża l-lingwa Latina bdiet tintuża wkoll il-lingwa tal-poplu imsejħa ***volgari***. Fil-bidu dawn kienu rappreżentazzjonijiet sempliċi u umli, imma maż-żmien bdew jikbru u jevolvu sew. Fost l-ewwel rappreżentazzjonijiet ta' din il-forma li dwarha nstabu wkoll xi dokumenti hemm dik magħrufa bħala ***Regularis Concordia*** li tifforma parti minn ġabra ta' ħsibijiet monastiċi iffurmati fl-Ingilterra bejn is-sena 965 u 975. Insemmu wkoll il-***Visitatio Sepulchri*** xogħol li żviluppa mill-kitba ***Quem Quaeritis in Sepulchro*** li kien jifforma parti mill-introjtu tal-quddiesa ta' l-Għid il-Kbir.

Fl-għaxar seklu ċertu xeni bdew jinagħtaw importanza kbira anke fil-kuntest liturġiku fosthom bl-użu ta' djalogi. Hawn nistgħu insemmu r-ritwali

# Każin Banda San Filep

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u*
*mal-familja b'appetizers mill-aqwa.*
*Ikliet f'kull ħin f'post mill-aqwa.*
*Gorg Grech u John Sciortino jawguraw l-Għid it-Tajjeb*
*lill-membri tal-Każin u liż-Żebbuġin kollha.*

# Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Ûebbu©, Malta

Tel: 2146 6615



tad-***Depositio Crucis*** fil-Ġimgħa l-Kbira, l-***Elevatio Crucis*** f'Ħadd il-Għid kmieni filgħodu u l-***Officium*** jew ***Visitatio Sepulchri*** li fil-Medjuevu kienu jsiru fil-knejjes kollha. Fil-bidu tat-tnax-il (12) seklu mas-sehem tal-kjeriċi daħal is-sehem tal-lajċi speċjalment ta' l-istudenti li kienu jattendu l-iskejjel tal-Monasteri. Minn hawn 'il qudidem id-drammi ħarġu 'l barra mill-knejjes u bdew jittellgħu fuq iz-zuntier, f'xi pjazza jew fil-kjostri tal-kunventi. Dan wassal biex tibda tintuża aktar il-lingwa tal-popolin u bil-mod il-mod bdew jitbegħdu mill-istil oriġinali tagħhom li kien maħsub biex jiffurmaw parti u jikkumplimentaw lill-liturġija. Dan bil-konsegwenza li bdew jieħdu aktar il-karattru teatrali jew ta' spettaklu. Minn hawn evolvew il-***Mystères*** jew ***Miracles*** fi Franza, il-***Ludus*** fil-Germanja, il-***Misterios*** jew ***Autos Historiales*** fi Spanja u l-Portugall il-***Miracle plays*** fl-Ingilterra u l-***Lauda Drammatica*** fl-Italja li dawn ta' l-aħħar żviluppaw l-aktar fil-Liguria, fl-Emilia u fl-Umbria bis-sehem tal-gruppi tal-Flagellanti jew id-Dixxiplinati. Ġeneralment dawn ir-rappreżentazzjonijiet bdew jitellgħu wara li kienu jintemmu l-funzjonijiet liturġiċi fil-knejjes.



Maż-żmien rajna żvilupp kbir fit-test użat fejn saħansitra uħud minnhom bdew jitqiesu bħala kapolavuri letterarji. Fosthom nistgħu insemmu kitbiet fuq stil ta' poeżija bl-uzu tal-lingwa tal-poplu. Mis-seklu tlettax (13) reġa' kien hemm żvilupp ieħor fejn dak li kien magħruf bħala ***il dramma sacro*** beda jissejjaħ ***Misteri*** u mis-seklu ħmistax-il (15) quddiem bħala ***Lauda***, waqt li llum jissejħu ***Sacre Rappresentazioni.*** Fi Sqallija dawn ir-rappreżentazzjonijiet damu xi ftit ma żviluppaw, għaliex mentri fil-kumplament ta' l-Italja dan il-moviment laħaq il-qofol tiegħu fis-sekli ħmistax (15) u sittax (16) fi Sqallija dan ma kienx b'saħħtu. Dan ma jifssirx li f'din il-gzira ġâra ma konniex insibu xi forma ta' teatru li jfakkar il-Passjoni ta' Kristu, altru minn hekk!! Hawn insibu test tas-seklu ħmistax (15) miktub minn Marco de Grandi bl-isem ***Resurectio Christi*** li nkiteb bejn l-1418 u l-1434. Fl-1538 kellu popolarità kbira t-test ta' Teofilo Folegno bl-isem ***Atto della Pinta*** li fih konna nsibu l-ġrajja tal-fidwa mill-ħolqien tad-dinja, l-inkarnazzjoni sat-twelid ta' Kristu.

Bank of Valletta

your Success, our Goal

Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street, Valletta VLT 04 - Malta
www.bov.com · customercare@bov.com · +356 2131 2020

Fis-seklu sittax (16) dawn ir-rappreżentazzjonijiet infirxu sew mal-gżira, għalkemm magħhom ġabu diżgwid u nkwiet għall-knisja billi bdew jieħdu l-forma grotteska u bdew jaqbżu kull limitu. F'diversi dokumenti u ittri nsibu kundanni sħaħ tal-knisja għall-abbużi li bdew jitwettqu u kritika qawwija għal kitbiet u ideat xejn tajba dwar Kristu.



Kif diġà ktibt 'l fuq f'din ċ-ċirkostanza, anke fi Sqallija, taw sehem sħiħ il-Ġiżwiti li waslu f'din il-gzira fl-1548. Dawn l-ulied ta' San Injazju ta' Loyola mill-ewwel bdew iħeġġu t-tagħlim tal-poplu u jagħmlu enfasi fuq il-ħtieġa tal-predikazzjoni u l-qrar. Fl-iskejjel tagħhom bdew jagħllmu kif kellhom jittellgħu dawn ir-rappreżentazzjonijiet tant li nsibu li kull sena kienu jagħmlu l-almu tagħhom biex itellgħu dramm sagru u kummiedja u b'hekk tkun tista' toħroġ id-differenza bejn iż-żewġ ġeneri ta' teatru u l-poplu jitgħallem. Sehem sħiħ fl-iżvilupp tad-dramm sagru f'dan il-perijodu tah Ortensio Scammacca (1565-1648) li għalkemm ma kisibx xi popolarità kbira mal-pubbliku sfrutta l-użu tal-mużika, kant u xenarju biex iġiegħel aktar lill-poplu jirrifletti u jifhem dak li jkun ra. Fl-istess żmien il-poplu donnu aktar inġibed lejn l-istil tat-teatru u r-rappreżentazzjonijiet Spanjoli, magħrufa bħala ***arte nuevo*** li ħadu spinta qawwija fis-seklu tmintax (18).

Biss jibqa' l-fatt li l-aktar test popolari u li kiseb ammirazzjoni ma' Sqallija kollha kien dak li kiteb Filippo Orioles (1687-1793) bl-isem ***Il Riscatto di Adamo nella morte di Gesu Cristo*** li kitbu fl-1750 u li huwa magħrufa fost l-Isqallin bħala ***Mortorio***. Bosta kritiċi u kittieba tat-teatru jsostnu li l-istess rappreżentazzjonijiet li għadhom jittellgħu sal-lum, kollha jsegwu l-linja u huma nfluwenzati bil-kbir minn dan t-test .

Il-Konċilju Vatikan t-Tieni (2) ħalla l-impatt tiegħu fuq din il-forma ta' devozzjoni popolari, dan billi beda jintuża aktar it-test dirett mill-Evangelju. Dan seta' jseħħ wara li l-liturgija u l-istess Bibbja u skrittura Mqaddsa bdiet tkun tradotta fl-ilsna tal-popli flok il-Latin. Fis-snin sebgħin id-dramm sagru jew tal-Passjoni, ħa żvolta ġdida u kompla jinfirex ma' Sqallja kollha, l-aktar bis-sehem ta' żgħażagħ li kienu jiltaqgħu fiċ-ċentri parrokkjali u l-oratorji.

Tech Zone

The Solution for your Computer System.
- Sales
- Upgrades
- Repairs

We Accept Student Smart Card




We have a Wide Range & Unbeatable Prices on UPSs.
Specialising in Networks and Custom made Software,
Web design & Hosting + Internet Services

**Individual Care and Attention**

Mob: 9942 2481  Tel: 2146 1696  Fax: 2333 1191
E-mail: sandro@techzonemt.com

# TOP HAT



*We specialise in made-to-measure tailoring, and hiring of suits.*

*Visit TOP HAT where you will find Graduation Gowns,*
*Holy Communion, Confirmation and Wedding Suits.*

*You can also find the best range of coloured suits for all the family.*

**Tel: 2148 8241, 2748 8240  Mob: 7948 8241  Fax: 2148 8244**

*210, St. Edward Street, Qormi*

Illum ir-rappreżentazzjonijiet tradizzjonali magħrufa bħala ***Mortorio*** li jittellgħu f'ġurnata waħda jew f'jiem differenti tal-Ġimgħa Mqaddsa nsibuhom f'57 ċentru tal-gzira madwar it-teritorju kollu, filwaqt li dawk magħrufa bħala ***Scinneza*** insibuhom biss f'sitt ċentri tal-gżira.

Wieħed jista' jsemmi wkoll il-***Casazze*** jew ***Misteri*** li huma purċissjonijiet li jirrappreżentaw il-mumenti varji tal-Passjoni u l-mewt ta' Kristu bis-sehem ta' nies lebsin vestwarju ta' gruppi Bibbliċi u personaġġi. Dawn ftit li xejn nafu dwar l-oriġini tagħhom u anke dwar l-isem attribwit lilhom, għalkemm huwa fatt li evolvew u ġew influwenzati mir-rappreżentazzjonijet teatrali ta' żmien il-Medjuevu. Xi dokumenti li nstabu Palermo jindikaw li l-ewwel forma tagħhom saret f'Palermo stess fl-1591 mill-Genoviżi li kienu marru joqgħodu fil-gzira. Fost l-aktar riċenti nistgħu insemmu l-***Casazza*** ta' Isnello, għalkemm din ma baqgħetx issir wara l-1950. Illum il-***Casazza*** insibuha biss f' ħames ċentri tal-gzira.

L-aħħar żvilupp fil-preżentazzjoni tal-Passjoni ta' Kristu bl-arti teatrali seħħ f'nofs is-snin ħamsin tas-seklu li għadda meta bdew jittellgħu fit-toroq u l-pjazez Via Crucis ħajjin. Tradizzjoni li llum insibuha f'21 ċentru tal-gzira u li dawn jixbhu b'xi mod lill-***Mortorio***. Hemm żewġ tipi ta' din ir-rappreżentazzjoni – waħda fejn l-atturi jitkellmu u l-oħra fejn l-atturi joqgħodu statiċi u jkunu akkumpanjati minn kummentarju stazzjon wara ieħor.

**Nota:**
Din l-informazzjoni u ħafna aktar issibuha fil-Ktieb il-ġdid ta' Brian Bonnici "Il-Ġimgħa Mqaddsa tal-Ġirien li qed ikun ippubblikat mill-Bronk fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa 2007. F'dan il-ktieb issibu taghrif u ritratti interessanti ta' l-aqwa manifestazzjonijiet tal-Ġimgġa Mqaddsa madwar Sqallija kollha.


# TAGĦLIM PRIVAT:

(1) **Għat-tfal tal-Primarja**
- għat-tfal li ser jagħmlu l-eżami tad-dħul tal-Junior Lyceums
- għas-subien li ser jagħmlu l-eżami tad-dħul għall-iskejjel tal-knisja

Għaż-żgħażagħ tas-sekondarja (Matematika)

Post: 100 Triq Santa Marija Ħal Tarxien
Tel: 21436090 / 21892528 / 79317436
Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf

(2) **Għaż-żgħażagħ tas-sekondarja (Forms 1 sa 5)** fil-Matematika
Isir ukoll kors ta' reviżjoni bi tħejjija għall-Matsec O-Level.
Post: Wara tal-Grazzja Ħaż-Żebbuġ, Tel: 21460289 / 99838806

# TWANNY SPITERI U WENZU PSAILA

INTERNATIONAL FUNERAL SERVICES

- over 30 years of experience
- 24 hour service
- importer of photo ceramic & marble work
- bookmarks




*(Day & Night) Tel:* 21460950
*Office* 21472219 • *Mob:* 99471168
*Offices:* 23, Triq it-23 ta' April, Qormi

**Kiri tal-Karozza għall-Funerali: Lm55**



# Unisex Boutique & Sports Wear

Sciortino Street, Żebbuġ
Tel: 2146 6244
Fax: 2146 2247

# Mit-Tbatija sal-Glorja

kitba ta' Joe A. Grima

*Sena wara sena tiġi l-Ġimgħa l-Kbira, jew kif insejħulha wkoll il-Ġimgħa Mqaddsa. Donnu li l-ġrajja tal-Passjoni u l-Mewt aktar taħkem l-immaġinazzjoni. Forsi wkoll għaliex il-Qawmien ta' Kristu, marbut kif inhu mat-twemmin fid-Divinita, għandu dik ix-xejra ta' misteru, li għalkemm niċċelebrawh, xi ftit diffiċli nifhmuh.*

*Il-messaġġ fuq livell uman huwa l-passaġġ mit-tbatija għall-glorja; hija t-tbatija li tnaddaf u ssaħħaħ biex wara jkun hemm il-kisba u t-twettiq. Kemm fuq il-livell spiritwali, daqskemm fil-ħajja ta' kuljum.*



Aktar milli biss infakkru l-ġrajja tal-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Kristu dawn il-jiem iġibu magħhom ukoll tifkiriet. Hemm bosta stejjer warajhom. L-istorja tal-Bibbja. Il-ġrajja ta' poplu li għadu ma sabx dak li għal eluf ta' snin ilu jfittex. It-tiftix għall-paċi u s-sliem f'dik li nsejħulha l-'Art Imqaddsa' fuq il-pjaneta tagħna. Hemm ukoll ħajjitna. Il-ġrajja ta' poplu ħaddiem li tul is-snin bena t-tempju tiegħu, li ġie żmien li fih ried li jfakkar il-ġrajja tal-passjoni. Il-ħidma biex isiru l-vari. L-iżvilupp tal-purċissjoni. Il-ħidma u d-dedikazzjoni ta' dawk li tul is-snin stinkaw biex illum għandna dak li għandna. L-atmosfera li tinbena f'dawn il-jiem. Meta darba kien hemm ukoll purċissjoni bil-vari zgħar u t-tfal, tan-Nekejjek.[1] Il-misteru fil-festa tad-Duluri fil-knisja jew kappella ċkejkna fil-pjazza,[2] li għandha l-istorja – u l-pretensjonijiet – tagħha.

Mad-dawl tal-qamar fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira nintilfu f'atmosfera misterjuża li taħbi u tostor il-misteri ta' l-univers ta' madwarna. Li minn żmien għal żmien aħna l-bnedmin – min aħna u x'aħna? – naħbtu nimirħu ġo fih. U dejjem naraw aktar fil-bogħod. Pjaneti. Qmura. Kostellazzjonijiet. U forsi universi oħrajn… X'ried jgħid il-Kristu li noħorgu taħt is-siġra taż-

# L-INVELL IRONMONGERY

*(Paint Centre)*

**M.A. Sapiano Str., Żebbuġ** (By-Pass ta' Ħal Muxi)
**Telephone: 2146 0500 - Mobile: 9982 9575**

**GĦAŻLA** ta' 10,000 kulur taż-żebgħa mix-*Shade Card* tal-Bartoline
**INĦALLTU** dejjem bil-kulur li tixtieq int: water paint, plastic paint, tar-ramel, roof compound u Acrylic
**NISTOKKJAW** ukoll: Sigma, Machperson, Tempra, Airflow, Berger u Hempel
**INBIEGĦU** aċċessorji tad-dawl u l-ilma, gysers, mixers, katusi, Household goods, cement, ġir u ġibs eċċ…
**NIKRU** Jiggers u Mixers

**DISCOUNT QAWWI FUQ IŻ-ŻEBGĦA**



# *Żebbuġ Stationers & Newsagents*





*for*
*Stationery, books, newspapers,*
*magazines, toys, a large selection of greeting cards,*
*colour and black & white photocopying,*
*developing & printing of films,*
*calculators, watches, gifts*
*and many more items.*





Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 2146 6076

żebbuġ meta l-istorja li għallmuna tgħid li deherlu l-anġlu li ġie mingħad Missieru u talbu bil-ħniena biex ma jixorbux…imma jekk kellha tkun ir-rieda ta' Missieru fl-aħħar mill-aħħar kien se jixorbu? Misteri hux?

Hemm ħajjitna, l-bnedmin. Il-Maltin. Iż-Żebbuġin. Kull wieħed u kull waħda minna. B'dak kollu li jagħmilna dak li aħna. Ilkoll, fil-mod li nafu aħna, nfittxu l-verita. Ukoll hawn, qalulna li Ponzu Pilatu fittex il-verita. Fittex li jkun jaf min kien dak li kien 'qed isejjaħ ilu nnifsu l-Messija." Ma tħossux xi ħaġa mhux tas-soltu fl-ambjent ta' Ħamis ix-Xirka u tal-Ġimgħa l-Kbira? Imma tul is-snin, sibtuha t-tweġiba għall-mistoqsijiet li saru u jibqgħu jsiru?

It-tbatija fil-ħajja mqabbla mal-passjoni ta' Kristu, li tingħata daqstant interpretazzjonijiet, li tingħata tant tixbihiet, li tinbena bħala pediment għal twemmin li żamm warajh miljuni fuq miljuni u għal tant snin, għal eluf ta' snin li għaddew, u m'hemm xejn li juri li fil-ġejjieni mhux se jibqa' jiġri dan.

Taħt salib sempliċi, fuq iz-zuntier tal-knisja, għadu jidwi f'widnejja u f'widnejn bosta, il-leħen mimli spiritwalita, li donnu li kellu xi ħaġa profonda ġo fih, ta' Dun Ġorġ. Li kellu ħabta kif inissel rispett aktar milli biża' quddiem 'il-liġi' t'Alla. Bi kliem sempliċi li jifhmu kulħadd. B'umiltà li twassal biex twaħħad il-folla li tinġabar madwaru. B'kuntrast ma' terremoti li farrku tant erwieħ fl-istess żminijiet ġo pajjiżna. Dun Ġorġ il-bniedem sempliċi tal-Mulej fi żmien il-funzjunarji glorjużi u mkabbrin tal-Knisja li waqqaf Kristu l-Imsallab, li kien hawn min xejn ma sabha diffiċli li jsawwat biH u b'tifkirietu lit-twajbin fil-ħajja ta' kuljum. Dun Ġorġ, kif nafuh, imma rridu nsejħulu, San Ġorġ il-Malti, għadda l-passjoni tiegħu. U fil-misteri li jdawruna tana sinjal wara sinjal li daħal fix-xirka tal-qaddisin. Il-misteri, li l-istess Dun Ġorġ kien tant iħobb isemmi.

Hemm is-salib kbir li niftakar jiddomina fil-kappella tal-Mużew. U r-rabta ta' Dun Ġorġ mar-raħal. Tajjeb li niftakru fl-għażla li għamel Dun Ġorġ biex id-dar ta' dawk li bilfors li kienu l-aktar qrib tiegħu, 'is-soċi nterni' sabha ġo rokna sempliċi, umli imma ħelwa ġo Ħaż-Żebbuġ. Fejn għex għal snin twal is-sieħeb ġenjali tiegħu, is-Superjur Ġenerali, Ġeġe. Figura li ċertament li ghadha ħajja fil-memorja ta' bosta Żebbuġin. Kien hemm għazliet oħrajn li Dun Ġorġ għamel minn Ħaż-Żebbuġ, fosthom lis-Superjur Ċikku Camilleri li bil-karattru u kariżma ħelwa tiegħu kien idur il-mużewijiet u jsaħħaħ u jxettel it-twemmin sempliċi tal-'fundatur'.

Għandu ħabta kif idur l-arloġġ tal-ħajja. Bħalma nbidlu ċ-ċerimonji tal-



Ġimgħa Mqaddsa u mill-iswed u d-dlam fil-knejjes tagħna, għaddejna għall-użu ta' l-aħmar u s-sens ta' rebħa fuq il-mewt minn Kristu n-Nazzarenu. Għaddejna għal bidliet kbar fiċ-ċerimonji u aktar u aktar f'dak li huwa essenzjali fil-mod kif il-Knisja ta' Kristu qabdet tfittex li tasal fir-ruħ u l-ispirtu tal-poplu tagħha u tad-dinja. Kienu żminijiet ta' taqlib kbir, li llum irridu nħarsu lura u napprezzawh iż-żmien tal-bidla fiċ-ċerimonji tal-Ġimgħa Mqaddsa, fit-tqarbin li sar ħafna aktar il-ħobż tal-ħajja, fiċ-ċerimionja tal-quddiesa li hija aktar talba u rabta fost il-poplu t'Alla milli xi misteru b'qassis jagħti dahru lill-fidili u jitkellem b'ingwa li l-poplu jgedwed bla ma jifhem. Għal dan kollu hemm figura oħra li fil-jiem ta' dħul fl-ispirtu fil-Ġimgħa Mqaddsa għandha tibqa' ħajja fil-memorja ta' dawk li laħquha u tkun għajn ta' ispirazzjoni għal dawk kollha li ġew u jiġu wara – il-Papa t-Twajjeb, Ġwanni XXIII.

Biex wieħed jgħid kollox irridu nkomplu nwasslu l-istorja tal-Knisja u t-twemmin f'pajjiżna għal żminijietna. Inħoss li tkaxkarna għal snin twal, u issa għandna fit-tmexxija lil Pawlu Cremona O.P., li fl-istess żminijiet għexna l-ispirazzjoni ta' Ġwanni XXIII. Mingħajr preżunzjonijiet, mingħajr l-awra omnipotenti tal-Kurja (imperjali) Rumana. Feġ raġġ ta' dawl li għandu jġib il-ħajja tar-reliġjon f'pajjiżna qrib il-poplu. B'tama u fehma li ż-żminijiet tal-maniġġi diplomatiċi jintemmu. U forsi b'simbolu ta' dan għandu jkun id-dħul biex jgħix f'komunita sempliċi mill-Arċisqof il-ġdid fid-dar li l-Bambin biss jaf kemm rat u semgħet manuvrar diplomatiku li fl-aħħar mill-aħħar wassal għal tant uġiegħat fost il-poplu t'Alla.

It-twajbin li jimxu bil-ktajjen ma' saqajhom ikunu hemm. Dawk li jfittxu l-għajnuna mingħand l-Omm Imbikkija bil-moħqrija li għadda minnha binHA se jimxu t-triqat. U nhar Sibt il-Għid fil-frisk tal-lejla tal-bidu t'April, taħt qamar kwinta nixgħelu n-nar u ndoqqu l-qniepen tal-glojra fi żmien ir-Rebbiegħa…soltu b'fewġa friska li ġġorr magħha t-tama għal żminijiet aħjar.

**Noti:**

1 Laqam ta' familja Żebbuġija. Hawn l-awtur qed jirreferi għal Pinu li kien mastrudaxxa.

2 Attwalment il-kappella tinsab fi Triq il-Kbira, viċin ħafna tal-pjazza ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ, Misraħ San Filep.

# Mill-"Qarċella" sal-"Qassatat tal-Qiegħa"

**Kelmiet u Frażijiet Maltin Aktarx Minsijin u/jew Mitlufin mill-Vokabularju Mitkellem Tagħna ta' Llum!**

kitba u riċerka minn Ġorġ Saliba

Dak li nsejħulu ċ-"ĊIKLU MALTI TAL-GĦID IL-KBIR", jiġifieri ż-żmien minn "Jiem il-Bluha" tal-Karnival sa Għid il-Ħamsin (Pentekoste), fih minjiera ta' tradizzjonijiet u drawwiet Maltin, xi wħud minnhom illum biss xi ħaġa ta' l-imgħoddi, u oħrajn ħajjin sal-lum.

Ġara, iżda, li, mat-telfien ta' xi drawwiet minnhom, intilef, ukoll, sfortunatament, ħafna kliem sabiħ Malti li, nemmen jiena li, jekk issemmieh u titkellmu quddiem iż-żgħażagħ tagħna tal-lum, bilkemm ma jaħsbukx li qiegħed tkellimhom b'lingwa barranija!.... Ħsibt, għalhekk, li jkun tajjeb li nfakkru f'xi wħud minn dan il-kliem (u wkoll frażijiet) li, minbarra li jfakkru xi ftit jew wisq xi drawwiet u tradizzjonijiet Maltin antiki taċ-"Ċiklu tal-Għid il-Kbir", jesponu l-ġmiel u l-għana ta' dan l-Ilsien tagħna: IL-MALTI.

## Qarċella

(Mikiel Anton Vassalli, fid-dizzjunarju tiegħu, jiktibha: **"qarċilla"**).

Il-"qarċella" – jew "qarċilla" –, hija persuna mmaskarata biex tirrappreżenta "għarusa". Iżda, hija wkoll logħba folkloristika antika tal-Karnival Malti, l-aktar fl-irħula, bl-użu ta' figura ta' "għarusa" mżejna sabiħ, magħmula mill-għaġina! Agius De Soldanis, f'kitbietu, ifisser sewwa din id-drawwa. Drawwa li, Guido Lanfranco, fil-ktieb tiegħu: "Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin", ifakkarna li, "fis-seklu 18, din kienet tkun bħal figolla mdaqqsa xi nofs metru, f'għamla ta' mara liebsa sabiħ, imżejna għaż-żwieġ, u fil-Karnival kien iġorrha maskarat f'kannestru fuq rasu, idur mat-toroq. Miegħu, kien ikun hemm maskarat ieħor, jagħmilha ta' nutar, li joqgħod iqabbel, bħallikieku qiegħed jagħmel kuntratt umoristiku ta' tieġ, b'ħafna nies u żufjett madwaru u, wara, kienu jqattgħuha biċċiet u jikluha!".

TOTAL Mobile

Gerald Attard

*Over 60 models of Mobile phones,*
*Accessories,*
*Computers,*
*Hi-Fi's,*
*TV's,*
*Plasma,*
*LCD TV,*
*MP3/4,*
*Cordless Phones,*
*etc...*

TOTAL Mobile

Total Mobile, Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 2146 6990 • Mob: 9945 3560
E-mail: totalmobile@waldonet.net.mt

## L-Għaġuża

"Għaġuża", hija "mara xiħa għakka". ....Iżda, fid-drawwiet antiki taċ-"Ċiklu Malti tal-Għid il-Kbir" tidħol, billi, kif jikteb ukoll Guido Lanfranco, fil-jiem tal-Ħamis ta' l-ewwel għoxrin jum (i.e. ta' l-ewwel nofs) tar-Randan, kienu jħeġġu lit-tfal biex imorru jistennew, quddiem il-knisja, għax (kienu jgħidulhom li), f'nofsinhar, kienu jkunu se jixħtu lill-**għaġuża** (mara xiħa) minn fuq il-kampnar għal isfel!.... M'għandniex xi ngħidu, din kienet waħda mill-gideb li jgħidu lit-tfal, imsejsa fuq is-superstizzjonijiet u misteri li kienu jħobbu joħolqu l-antiki! It-tfal, kienu jmorru jaraw, iżda kien jibqa' f'wiċċhom!.... Din it-tradizzjoni superstizzjuża tfakkarna fil-qawl qadim Malti: "L-għaġuża, f'nofs ir-randan, tinqasam!".

## Ftajjar tar-Randan… li kienu jgħidulhom ukoll Fixħija

Fi kliem ieħor, dawn, kienu **sfineġ** (kelma Maltija li għadha użata sal-lum). Ta' min jgħid li, minn dawn il-**"ftajjar tar-randan"**, kien hawn għamliet u taħlit differenti, li kienu jvarjaw minn raħal (jew belt) għal ieħor (oħra), u saħħansitra minn familja għal oħra. Fir-Randan, kienu tradizzjoni magħrufa!

## "Il-Barabba" u "t-Terremot"

Żewġ "metafori" (biex insejħulhom hekk) Maltin, li jfakkruna fi drawwa ta' nhar l-ERBGĦA TAT-TNIEBRI li llum ukoll inqatgħet. Qabel il-Konċilju Ekumeniku II, kienu jixegħlu 15-il xemgħa (samra jew ħamra) fuq kandelabru trijangulari, imsejjaħ **"barabba"**, li kien jitqiegħed fuq il-presbiterju. Dan l-isem (**barabba),** ġej mill-kelma taljana "*barbasso*" – pjanta b'ħafna friegħi, qisha kandelabru. Wara l-kant ta' kull salm, abbati kien jitfi waħda mix-xemgħat ta' fuq **"il-barabba"** (il-kandelabru); u, wara l-lawdi, kien jitfi l-aħħar waħda. Hemmhekk, it-tfal kienu jibdew iċaqalqu s-siġġijiet ta' ġol-knisja, isabbtu l-bibien, eċċ., biex jagħmlu storbju sħiħ, u joħolqu l-hekk imsejjaħ: **"terremot"**: bħala tifkira tat-terremot li, skond il-Vanġelu, sar mal-mewt ta' Kristu fuq is-salib.

## Is-Sawma "tar-Rabta tal-Qniepen"

Fl-antik, nhar Ħamis ix-Xirka, kienet iddoqq il-Glorja, u **jintrefgħu ("jintrabtu") l-qniepen,** li jerġgħu jindaqqu BISS mad-daqq tal-glorja f'Sibt il-Għid filgħaxija. Minn "Glorja" (tal-Ħamis) sa "Glorja" (tas-Sibt), **ma kienu jieħdu xejn, lanqas ilma!!** F'Malta, kienu jsejħulha wkoll "IS-SAWMA TAL-PASSJU"; iżda, l-aktar f'Għawdex: **"is-Sawma tar-Rabta tal-Qniepen".**

## Qassatat tal-Qiegħa

Qassatat li kienu jagħmlu għall-festa tal-Għid il-Kbir. Skond riċerka li kien għamel Guido Lanfranco, f'Għawdex kienu jagħmluhom minn għaġina ażżma, mimlijin b'taħlita ta' tewm, pastard, basal, tursin, tonn u żebbuġ. Kienet tkun kbira daqs platt żgħir, u kienu jħalluha ftit miftuħa minn fuq. F'Malta (u l-għażiża ommi għadha tagħmilhom sa llum!), kienu jagħmluhom bil-ħaxu u l-ful – (bil-ful ma' l-irkotta); u ġieli fil-wiċċ kienu jagħmlulhom biċċa għaġina tonda, u jgħattuhom ukoll; u ġieli jħalluhom mikxufin! Gosti, hux tassew?!!

Il-wisgħa, f'dal-ktejjeb tal-Ġimgħa l-Kbira, ma jħalliniex niktbu aktar. Iżda, għal did-darba, naħseb li biżżejjed. Ridt biss infakkar f'xi kliem Malti u frażijiet ħelwin Maltin – li aktarx li llum intilfu u ntesew –, biex nuri waħda mill-aktar affarijiet li għandi għal qalbi: IL-ĠMIEL U L-GĦANA TA' DAN ILSIENNA, IL-MALTI!! ....Naħseb iżda, li, b'riħet hekk, bħal ilqatna żewġt għasafar b'ġebla waħda, ukoll! ....Fi kliem ieħor, fakkarna wkoll xi ftit – b'ħajr għat-tagħrif li sibt fiil-kitbiet-teżori tal-Profs. Ġużè Aquilina, Ġan Franġisk Agius de Soldanis u Guido Lanfranco – xi wħud mid-drawwiet u t-tradizzjonijiet qodma Maltin taċ-"Ċiklu tal-Għid il-Kbir".

L-Għid it-Tajjeb liż-Żebbuġin u 'l-Maltin kollha!


**Id-Dentista**

# Marlene Pullicino

*tawgura*

***l-Għid it-Tajjeb***

***Il-Klinika***
***Marlene's Dental Clinic***
***fi Triq Ħal Kbir, Siġġiewi***
***tiftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.00am sas-7.00pm***
***u s-Sibt mis-7.00am sas-1.00pm.***

**Tel: 9943 2407 / 2146 1682**
**F'każ ta' emerġenza**
**ċempel 99432407**

Fix-xhur li ġejjin ser jinfetħu
żewġ kliniċi...

**Healthwise Clinic, Vjal il-Ħelsien - Żebbuġ**
**151, Triq il-Kbira, Żurrieq**

# Pilatu, il-Lhud u Ġesù

## *Riflessjoni b'ħarsa lejn il-vara ta' Pilatu, tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ*

minn Joseph Flask



Mingħajr ma wieħed jidħol f'wisq dettalji, jekk nixtarru tajjeb il-proċess li sar lil Ġesù quddiem Pilatu dlonk nintebħu, li l-Prokuratur Ruman Ponzju Pilatu(26-36 q.K.), magħruf sew għall-karattru ġelliedi, stinat u vjolenti tiegħu, kellu mibgħeda kbira, odju u disprezz lejn il-Lhud. Mela għaliex għamel dak li riedu huma?

Pilatu sab quddiem wiċċu raġel, arrestat mit-tribunal nazzjonali u dikjarat ħati għall-mewt. Ovvjament, is-sentenza ma setgħetx tinqata' jekk mhux bl-approvazzjoni tar-rappreżentant ta' Ruma. Pilatu, intebaħ mill-ewwel li r-raġel kien bla ħtija u dawk preżenti kienu qed juru l-għadab tagħhom għax imkesksin mill-fariżej li kienu jaħkmu fuq il-popolin. Fl-istess għaraf li quddiemu kellu żewġ għażliet: li jeħles lil Ġesù u juri d-disprezz tiegħu lejn il-Lhud u t-tieni li jagħmel ġustizzja tassew. Tant hu hekk li huwa minnufih iddikjara li Ġesù kien bla ħtija u għamel minn kollox, speċjalment kif semgħa l-Lhud jgħajtu u jisħqu biex Ġesù ta' Nazaret jingħata l-mewt.

L-ewwel bagħat lil Ġesù għand Erodi Antipa, ċertament mhux biex jikseb l-għajnuna imma biex jipprova jonsbu, għax anki ma' Antipa ma kellux relazzjoni u fama tajba. Antipa iżda, qata' biss il-kurżità li jsir jaf min kien dan Ġesù u wara li ddieħak bih reġa' bagħtu għand il-Prokuratur Ruman. Pilatu falla anki fit-tieni għan tiegħu li jeħles lil Ġesù, għax il-folla għażlet lil Barabba. Wara dan, tgħid għax beża'? ordna biex is-suldati jieħdu lil Ġesù u jagħtuh is-swat u proprju għaliex kienet għadha ma waslietx is-siegħa li Ġesù ma mietx. Huwa pruvat li kull min kien ikun flaġellat mir-Rumani kienet l-istess ħaġa li tikkundanna wieħed għall-mewt. Fil-fatt is-swat kien isir bi ħbula rqaq li fit-tarf kellhom marbutin bċejjeċ żgħar ta' għadam u ta'


ATTRANS
ESTABLISHED 1978
International Transport
Attrans Limited,
Attrans Depot, Mdina Road, Zebbug ZBG 06, Malta
Tel: (+356) 2146 1259, 2146 6269, 2146 3252/3
Fax: (+356) 2146 5875
E-mail: info@attrans.com
Web: www.attrans.com
• Weekly groupage trailer departures ex
all major destinations in Europe
• Refrigerated and Temperature Controlled Transport
• Mega Volume Trailers • Full Container Service
• Project Cargo
Groupage and Full Load Trailer Service
To and From Europe



ħadid maqsum. Il-Lhud, b'daqshekk ma kinux sodisfatti u allura, sfidaw lil Pilatu bil-goff u qalulu ċar u tond: "Jekk teħles lil dan tiksirha ma' Ċesari, għax kull min jagħmel lilu nnifsu sultan ikun qiegħed jeħodha kontra Ċesari." (Ġw 19,12). Pilatu, ma kellux triq oħra u ċeda…għaliex?

Iva, għaliex? Fl-aħħar mill-aħħar ma kellux għalfejn jibża mill-Imperatur għax diġà kellu każijiet oħrajn u xorta ma ċediex għal dak li riedu l-Lhud. Madankollu, il-kwistjoni tal-ħelsien ta' Ġesù kienet differenti, għax jekk fil-każijiet l-oħra seta' tassew jagħti x'wieħed jifhem li l-aġir tiegħu kellu biss l-għan li jagħti ġieħ lill-Imperatur, fil-każ ta'Ġesù, li kieku l-Lhud kellhom jappellaw lil-Legat Ruman fis-Sirja jew inkellha jġibu l-każ quddiem l-Imperatur direttament, Pilatu seta' jidher dgħajjef u inkapaċi. U peress li l-qagħda politika tiegħu ma tantx kienet tajba ma riedx, bil-Malti, jkompli jgħaxxaqha u ried assolutament isalva ġildu. Għalhekk, min jaf b'liema rabbja f'ħalqu, ċeda u kkundanna lil Ġesù.



***Suldat Lhudi***

Ikkundanna lil Ġesù ta' Nażaret, avolja kien jaf li huwa bla ħtija, ma riedx jagħmel ġustizzja tassew. Wara kollox Ġesù ma kienx ċittadin Ruman(*civis romanus*). Fost il-mistoqsijiet li għamel lil Ġesù fil-Pretorju, Pilatu, bl-aktar mod xettiku għall-aħħar, staqsa: X'inhi l-verità(*Quid est veritas?*) u għaldaqstant għalfejn wieħed jiskanta li Pilatu, seta' forsi staqsa lilu nnifsu bl-aktar mod ċiniku: wara kollox x'inhi l-ġustizzja(*Quid est justitia?*). Ħareġ il-kundanna għax ma fehemx min kien tabilħaqq: Ġesù.



**Tagħrif:**

1. Ricciotti G., *Storia d'Israele*, v.II
2. Ricciotti G., *Vita di Gesù Cristo*
3. Bibbja Saydon, *L-Evanġelju ta' San Ġwann*
4. Il-Bibbja-Għaqda Biblika Maltija, Ed.II, L-Evanġelju skond San Ġwann

# Express

## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium
works, specialising in circular works with more than
13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*

**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets,
Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters,
Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom
where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Ûebbu© ZBG 06, Malta
Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**



# FREDDIE'S

**Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes, minn ditti renomati, basktijiet
ta' l-iskola, handbags u kartieri.**

**Sciortino Street, Żebbuġ**

# FOOTWEAR

# Il-Knisja Żebbuġija tal-Madonna tad-Duluri

minn Joseph C Camilleri BA, DEAM, M Ed (Pl & Mgt)



F'Ħaż-Żebbuġ hemm diversi knejjes żgħar, waħda minnhom hija dik iddedikata lid-Duluri. Din il-knisja nbniet mit-Tabib Baldassare Debono fil-bidu tas-seklu tmintax. Fis-sena 1726 din il-knisja ġiet mgħollija għad-dinjità ta' bażilika: "Figlia" ta' San Giovanni Laterano, waħda mill-aqwa knejjes tal-belt Eterna – Ruma. Għalhekk min dak iż-żmien din il-knisja bdiet tgawdi mill-istess privileġġi ta' San Giovanni Laterano u fl-istess ħin saret ukoll indipendenti mill-arċidjoċesi ta' Malta. Dan it-titlu f'pajjiżna hu xi ftit rari għal knisja żgħira. Biex tfakkar dan l-episodju mill-istorja ta' din il-knisja, fuq il-bieb ewlieni tagħha, naraw kitba bil-Latin li tfakkar li din il-knisja għandha titlu ta' Bażilika. Il-kliem jgħidu (bil-Malti ) *Bint ta' San Giovanni Laterano li ngħatalha fl-1726.*



## Storja

Maż-żmien din il-knisja għaddiet għand il-familja Bonici. Dan seħħ meta Francesca Romana Debono, in-neputija tat-Tabib Baldassare Debono żżewġet lil Dr Giuseppe Maria Bonici. Dan kien l-aħħar Ħakem ta' l-Imdina. Matul l-Ingliżi, Dr Giuseppe Maria Bonici ġie nnominat "Reġġent" tal-Belt ta' l-Imdina u fuq id-dipendenzi tagħha. Għal din ir-raguni, din il-knisja hija aktar magħrufa fost iż-Żebbuġin bħala l-knisja tar-Reġġent milli l-knisja tad-Duluri. Illum din il-knisja hija guspatronat tal-familja Bonici Mallia. Ta' min jgħid li din il-familja għandha diversi membri tal-familja tagħha midfuna f'din il-knisja.

Saint Philip
Confectionery

Caterers for all occasions

**Sciortino Street Żebbuġ.**
**Tel: 2146 4418 Mobile: 9949 9132**

TOP NOTCH

**DVD RENTALS**

*Under New Management*

*New Releases Every Week*

• Hi-Fi Sales & Services • Phones
• Calculators • MP 3 • Digital Cameras
• Batteries • Cartridges
& much more

Mikiel An© Sapiano Street, Ûebbu©
Tel: 2146 4956 Mob: 7904 0978

## Arti



Fuq l-artal tal-knisja hemm kwadru li juri l-Inżul minn fuq is-Salib. Dan hu biċċa xogħol li xi studjużi huma tal-fehma li hu aktarx tal-pittur Franċiż Antoine de Favray. Wieħed ma jista' jgħid xejn fuq dan ix-xogħol għaliex għadu ma nstab l-ebda dokument li jgħidilna li din hi opra ta' dan l-artist Franċiż. L-artal ta' din il-knisja hu miksi bl-irħam waqt li l-orgni nħadem fl-Italja għall-ħabta tas-sena 1700.

F'din il-knisja nsibu tliet opri artistiċi. Dawn huma ddedikati lil San Nikola ta' Tolentino, it-Tobba Kosma u Damjanu u t-Tre Re quddiem Ġesù Tarbija.

## Folklor

Din il-knisja għandha l-aspett folkloristiku tagħha wkoll. Il-festa tad-Duluri tiġi ċċelebrata b'devozzjoni kbira nhar jum id-Duluri jiġifieri tmint ijiem qabel il-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. F'din il-festa jieħu sehem il-kleru ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll iżuru din il-knisja diversi Żebbuġin li huma devoti ta' Marija Addolorata. Il-familja Bonici Mallia tattendi wkoll.

Kien hemm drawwa fost iż-Żebbuġin li f'jum il-Ġimgħa l-Kbira ssir purċissjoni bil-vara tal-monument mill-knisja ta' San Filep għal din il-knisja. Meta l-kleru jidħol flimkien mal-vara jsir kant u talb ieħor ideali għal dan il-jum, ferm importanti fil-kalendarju tal-knisja. Wara terġa' ssir purċissjoni oħra lura lejn il-knisja. Hemm il-possibilità li din il-purċissjoni kienet minn dik li kienet issir fl-imgħoddi li turi influwenza diretta tad-drawwiet ta' dan il-jum, drawwiet li kienu ġejjin minn Sqallija. Fil-gżira ta' Sqallija jsiru purċissjonijiet bil-vari tal-monument u d-Duluri matul il-lejl ta' jum il-Ġimgħa l-Kbira. Jista' jkun li din il-purċissjoni qasira, kemm taqsam il-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ, kienet dak li kien baqa' minn din il-purċissjoni qadima.

**Referenza:**

Tony Terribile, *Teżori fil-knejjes Maltin – Is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ,* PIN Publications, Malta 2004.

Godfrey Farrugia, *Il-Knisja tad-Duluri – wirt it-Tabib Baldassare Debono*, Pubblikazzjoni tat-Talent Żebbuġi.

# Centre Point Stationery

Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ • Tel: 2146 1500

• Newsagent • Stationery • Toys • Exclusive Gifts • Novelties •
• Cards Gallery • Magazines • Sweet • Large Selection of Books •
• Binding • Lamination • Film Developing • Book Covering •
• Colour Photocopier • Souvenirs •

Me to You Collection

**Open also on Sundays**

# Abrigo Confectionery

Paris Street, Żebbuġ
Mob: 7904 9060, 7993 7748

*Għal kull tip ta' pasti, kemm tal-krema u dawk xotti u kull tip ta' kejkijiet bil-krema u anke bla krema.*

*Għal dawk iż-żminijiet ta' l-Għid, ippruvaw il-kwariżimal, il-figolli u t-torti tal-lewż b'differenza. Agħmlu l-ordnijiet tagħkom.*

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Filatelija

## *Il-ħames parti*

Kitba ta' Carmel Scicluna Bonnici
mgħejjun minn Philip Balzan

F'dan l-artiklu ser inkomplu fejn ħallejna is-sena l-oħra. Intennu li normalment dawn is-settijiet jissejħu tal-Għid u mhux tal-Ġimgħa l-Kbira.

### Brażil

- pajjiż kbir fis-Sud Amerika, għal żmien maħkuma mill-Portugal bejn l-1500 u l-1815 meta saret renju. Seba' snin wara saret imperu, imbagħad fl-1889 republika.
- Munita:mill-1942 il-cruzeiro, mibdul għall-cruzado fl-1986 u lura għall-cruzeiro fl-1990. Sa mill-1994, ir-real.




• 1966: L-ewwel bolla b'suġġett reliġjuż hija bolla ta' 45cr maħsuba għall-posta bl-ajru li nħarġet biex tfakkar il-Konċilju Vatikan II u turi l-Wiċċ ta' Kristu meħud mil-liżar ta' Turin.




• 1980: sett ta' 6 bolli, kollha ta' valur ta' 6cr maħruġ għall-Għid biex ifakkru l-250 sena mit-twelid ta' l-iskultur Antonio Lisboa (Aleijadinho). Juru: lil Kristu fil-ġnien taż-żebbuġ, jiġi arrestat, imsawwat, inkurunat bix-xewk, iġorr is-salib u msallab.



• 1981: Nħarġet bolla tat-12cr. li tikkommemora il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-monument ta' Kristu fil-belt brażiljana, Rio de Janeiro.

Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**

**ŻEBBUĠ VIDEO RENTALS & HI-FI CENTRE**

30, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Tel: 2146 8835

**No. 1 for New Releases DVD**

**New Releases 50 cents for 1 day**
**Old Releases 5 DVDs Lm1 for 1 week**

*We also have:*
*Colour photocopies and direct printing from PC • Dolby surrounds • DVD players*
*Portable CD players • Mini Hi-Fi Systems • Telephones • Cordless Phones*
*Cordless Headphones • MP3s, MP4s etc.*

*We have all the wiring you need to connect your*
*DVDs, video, Hi-Fi Audio, and all type of empty media, VHS, CDs,*
*DVDs, Audio Cassette, Mini DVD, VHS for video camera, 8mm, etc.*

## British Indian Ocean Territory



- għadd ta’ gżejjer miġbura bħala kolonja Ingliża bejn l-1965 u l-1976.
- Munita: Rupee (100 cents) sal-1990 meta saret il-Lira sterlina

• 1973: Sett ta’ erba’ bolol għall-Għid: tal-45c u tal-1R juru lil Ġesù msallab, tal-75c u tal-1R50c juru lil Ġużeppi ta’ Arimatea u Nikodemu jidfnu lil Ġesù mejjet.



## Bulgarija

- kienet provinċja tat-Turkija, fl-1878 saret saret prinċipalità fewdali Torka sakemm fl-1908 sart f’renju indipendenti ufl-1946 republika.
- Munita: 1Lev.(100 stotinki)




• 1991: sett ta’ 6 bolli maħruġ mhux għall-Għid imma biex ifakkru l-450 sena mit-twelid tal-pittur El Greco. Il-bolla tat-43s tur lil Ġesù jġorr is-salib.

• 1994: sett ta’ 6 bolli (mhux tal-Għid), ibbażat fuq ikoni u juru: Kristu ’Pantocrator’ (2L), Lazzru imqajjem mill-mewt (3L), Il-passjoni ta’ Ġesù (5L), L-Arkanġlu Mikiel (7L.), San Ċirillu u San Metodju (8L), il-Madonna inkurunata (15L).




## Burundi

- kienet tifforma parti mit-territorju Belġjan ta’ Rwanda-Urundi fl-Afrika sakemm fl-1 ta’ lulju 1962 saret renju ndipendenti. Fl-1967 saret repubblika wara rivoluzzjoni.
- Munita: Franc (100 centimes)




• 1969: sett ta’ 4 bolli, maħruġ għall-Għid u juru lill-Kristu rxoxt meħud minn pitturi ta’ Isenmann (11f.), Caron (14f.), El Greco (26f.), u ’Noli me Tangere’ ta’ Schongauer fuq tas-17f.

• 1970: sett ta’ 14-il-bolla, li juru l-14 il-stazzjon tal-Via Sagra – xogħol ta’ Carredano. Il-valuri huma ta’ 1, 1.5,

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 2141 8029**

2,3, 3.5, 4,5, 8, 10, 14, 15, 18, 20 u 50 franc.







- 1971: sett tal-Għid li fih 6 bolli li kollha juru lill-Kristu rxoxt meħud minn xogħolijiet ta' pitturi differenti: Il-Sodoma (3f), Del Castagno (6f), Correggio (11f), Borrassa (14f), Della Francesca (17f) u Pleydenwyurff (26f).




- 1972: sett tal-Għid li fih 5 bolli kkuluriti li juru: l-Ecce Homo, ta' Metzys (3.5f), il-Kruċifissjoni, ta' Rubens (6.5f), Kristu mniżżel mis-salib, ta' Portormo (10f), il-Pieta, ta' Gallegos (18f) u it-Trinità, El Greco (27f).

- 1973: sett ta' 6 bolli tal-Għid, li jġibu dawn il-pitturi: Il-flaġellazzjoni, ta' Caravaggio (5f), il-Kruċifissjoni, ta' Van der Weyden (7f), i-Difna, ta' Raphael (13f), il-Marbut, ta' Guido Reni (15f), il-Kruċifissjoni, ta' M.Grunewald (18f), Ġesù mniżżel mis-salib, ta' Caravaggio (27f).




- 1974: sett ta' 5 bolli tal-Għid li juru: il-Pieta, xogħol ta' Veronese (5f), il-Madonna u San Ġwann, ta' Van der Weyden (10f), Kristu mislub, ta' Van der Weyden (18f), id-Difna, ta' Titian (27f) u l-Pieta, ta' El Greco (40f).

- 1977: sett ta' 4 bolli tal-Għid maħruġ biex ifakkru l-400 sena mit-twelid ta' l-Peter Paul Rubens, li jiffiguraw: Ġesù tiela l-Kalvarju (10f), Kristu msallab (21f), Ġesù mniżżel mis-salib (27f) u d-difna (35f).



# L-Iskultur Antonio Mifsud



Il-Via Sagra li ser tiżżanżan din is-sena fil-Każin tal-Banda San Filep hija maħsuba sabiex iżżejjen il-passaġġ li jwassal lin-nies sad-Difna ta' Kristu. Ix-xogħol ġie maħdum minn Antonio Mifsud taħt id-direzjoni tas-surmast tiegħu il-Kav Alfred Camilleri Cauchi. Flimkien iddiskutew l-idea u ħarġu b'Via Crucis oriġinali fl-istess ħin innovattiva fil-ħsieb. Kull kwadru ġie mmudellat apposta, u fih spjegazzjoni teoloġika kif ukoll jostor sentimenti differenti li għadda minnhom Kristu tul il-passjoni tiegħu. Din il-Via Sagra ġiet maħduma fil-Fibre-glass biex tkun tiflaħ għal kundizzjonijiet li hemm fix-shelter. Il-Via Sagra tiġi mitmuma s-sena d-dieħla biex tkun tinkludi f'sett ta' disa kwadri kbar, kulur it-terracotta.

## Profil

- Twieled fil-25 Jannar 1977, il-Ħamrun
- Irċieva l-ewwel lezjonijiet ta' l-arti mingħand Dr. Gorg Mallia fis-Seminarju ta' l-Arċisqof
- Mill-1996 sal-lum ħa lezjonijiet privati mingħand l-iskultur Chev. Alfred Camilleri Cauchi, li minn għandu ħa esperjenza fl-iskultura monumentali, dik sagra, fil-pittura, kif ukoll restawr
- Fl-2004 fetaħ l-istudio personali tiegħu fi 92, Triq San Bażsilju, l-Imqabba.

Ħafna mix-xogħol ta' Mifsud jirrifletti l-emozjonijiet li kull bniedem jgħaddi minnhom tul ħajtu

- Il-mod ta' kif huwa jittrasmetti l-ispiritwalitia u t-trankwillita jispikka f'xogħolijietu
- Mifsud jaħdem ħafna mix-xogħol tiegħu stil akkademiku, xorta juri entuzjazmu lejn l-arti moderna u astratta.

## Portfolio

- 2000 – Indipendenza 2000 – Esebizzjonijiet kollettiva tal-Arti – B'Kara
- 2001 – Esebizzjoni tal-arti – Kunsill Lokali – Cospicua.
- 2001 – poster għall-Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Cospicua.
- 2001 – Ħadem ix-xenarju għall-Esebizzjoni tal- Ġimgħa l-Kbira fil-Belt Valletta.
- 2002 – 2005 – Ħa sehem f'esebizzjonijiet kollettivi / Kompetizzjonijiet organizzati mill-Malta Society of Arts Manufactures and Commerce –Naxxar.
- 2003 – Ħadem poster għall-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira - Każin Banda San Filep, Zebbug.
- 2004 – Żewġ pitturi taż-żejt għal MLS – Sptar St. James – Sliema.
- 2005 – Ħadem xenarju taċ-Ċenaklu fil-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira - Zebbug
- 2005 – Twelid – Esebizzjonijiet kollettiva tal-Arti – Gallerija Liberte' –Valletta
- 2005 – Istrina 2005 Esebizzjonijiet kollettiva tal-Arti - St. James Cavalier Valletta
- 2006 – Statwi u Statwetti tal-Gimgha Mqaddsa – Heritage Malta
- 2006 – Rotta ta' l-Arti – Mdina
- 2006 – Tiżwieqa tal-Milied – Knisja Santa Katerina ta' Siena – Valletta.